



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13613/23
ADD 1 REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0347(NLE)

ECOFIN 950
FIN 988
UEM 264

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS rivedut għad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12275/22 INIT; ST 12275/22 INIT ADD 1) tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-anness rivedut imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni emendatorja tal-Kunsill abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2023) 574 final.

ANNEX

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-riformi u tal-investimenti

A. IL-KOMPONENT 1: IL-PROMOZZJONI TAT-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA

L-objettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jippromwovi u jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika fin-Netherlands u li jindirizza l-problemi kkawżati minn livelli eċċessivi ta' depożiti ta' nitroġenu li jirriżultaw fiż-żoni tan-Natura 2000 tan-Netherlands u madwarhom. Il-komponent jikkonsisti f'fames riformi u sitt investimenti ddedikati għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, li minnhom żewġ investimenti jindirizzaw l-isfidi tan-nitroġenu.

L-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika huma appoġġati minn pakkett ta' riformi ta' ekoloġizzazzjoni fiskali li għandhom l-għan li jagħmlu s-sorsi tal-enerġija sostenibbli finanzjarjament aktar attraenti vis-à-vis il-fjuwils fossili u jinċentivaw liċ-ċittadini u lin-negozji biex jillimitaw il-konsum tal-enerġija tagħhom. Pereżempju, ir-riforma komprensiva tal-Liġi dwar l-Enerġija għandha l-għan li tagħgħorna, timmodernizza u tintegra l-qafas regolatorju għas-sistemi tal-enerġija tal-gass u tal-elettriku bil-ħsieb li tappoġġa t-tranżizzjoni tal-grilja tal-elettriku għas-sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Dawn ir-riformi huma kkomplementati minn programmi ta' investiment għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (jiġifieri enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta) u trasportaturi (jiġifieri idroġenu ekoloġiku) kif ukoll investimenti fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli, bħal bastimenti tan-navigazzjoni interna b'emissjonijiet żero u inġenji tal-ajru mħaddma b'sistemi ta' propulsjoni bl-idroġenu.

L-isfidi tan-nitroġenu huma indirizzati minn skema komprensiva għar-Restawr tan-Natura b'enfasi fuq it-tnaqqis tad-depożiti tan-nitroġenu f'habitats sensitivi f'siti tan-Natura 2000. L-isfidi tan-nitroġenu huma indirizzati ulterjorment minn skema ta' sussidju għall-waqfien ta' farms tal-ħnieżer li jinsabu qrib siti ta' Natura 2000.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi Netherlandiżi dwar l-enerġija u l-klima, inkluż il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP). Il-komponent jappoġġa wkoll l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019), biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jitħaffef l-użu tas-sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari billi tingħata spinta lill-investimenti komplementari fl-infrastruttura tan-netwerk u jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini, u jiġu aċċellerati l-investimenti fit-trasport sostenibbli u l-agrikoltura sostenibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

A.1 Deskrizzjoni ta' Riforimi u Investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Riforma C1.1 R1: Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li n-negozji u l-unitajiet domestiċi jiġu inċentivati jillimitaw il-konsum tal-enerġija tagħhom u jaqilbu għal sorsi ta' enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-klima. Ir-riforma għandha tikkonsisti f'taħlita ta' bidliet fit-tariffi, li għandhom jagħmlu l-użu tal-gass naturali aktar għali u l-użu tal-elettriku irħas, u aġġustamenti strutturali għat-tassazzjoni tal-enerġija, li huma mistennija li jiddiżinċentivaw il-konsum tal-enerġija.

Ir-riforma fir-rigward tal-aġġustamenti tat-tariffi għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni tal-bidliet li ġejjin:

- a) it-tariffa tal-ewwel faxxa ("*eerste schijf*") dwar l-użu tal-gass għandha tiżdied u t-tariffa tal-ewwel faxxa fuq l-użu tal-elettriku għandha titnaqqas;
- b) it-tieni u t-tielet tariffi tal-faxxa ("*tweede en derde schijf*") fuq l-użu tal-elettriku għandhom jitnaqqsu;
- c) l-istruttura tat-tariffa tal-enerġija għandha ssir inqas digressiva billi jiżdiedu r-rati kemm fl-oġġla faxx tal-konsum tal-gass kif ukoll tal-elettriku; kif ukoll
- d) l-ammont ta' somma f'daqqa annwali tat-tnaqqis fit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsumaturi tal-elettriku għandu jiġi stabbilit għal mill-inqas EUR 493,27 għal kull konnessjoni tal-elettriku.

Ir-riforma fir-rigward tal-aġġustamenti strutturali għat-tassazzjoni tal-enerġija għandha:

- a) tabolixxi l-iskema ta' eżenzjoni u rifużjoni (dwar il-gass naturali u l-elettriku) għall-proċessi metallurġiċi u mineraloġiċi;
- b) tillimita l-eżenzjoni għall-konsum tal-gass naturali fil-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-gass naturali użat għall-produzzjoni tal-elettriku fornut lill-grilja; kif ukoll
- c) tabolixxi r-rata mnaqqsa għall-ortikultura tas-serra.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Riforma C1.1 R2: L-introduzzjoni u l-issikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 tal-industrija permezz ta' imposta tas-CO2 għall-industrija. Din l-imposta għandha taġixxi bħala limitu minimu għall-prezz, billi tistabbilixxi prezz minimu għal tunnellata ta' CO2 emessa: jekk il-prezz fl-iskema għall-iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ETS) jaqa' taħt dan il-prezz minimu, id-differenza bejn il-prezz tal-ETS u l-prezz minimu għandha tiġi imposta bħala taxxa.

Ir-riforma relatata mal-imposta tas-CO2 għall-industrija għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- a) l-introduzzjoni tal-imposta tas-CO2 għall-industrija; kif ukoll
- b) l-issikkar tal-imposta bl-għan li jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tas-CO2 mill-industrija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma C1.1 R3: Żieda fit-Taxxa fuq l-Ivvjaġġar bl-Ajru (ATT)

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tirrifletti aħjar l-ispejjeż soċjali tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru u tiskoraġġixxi t-titjir fuq distanzi qosra. Ir-riforma għandha żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru li tirriżulta f'żieda immedjata fil-prezz tal-biljetti tal-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri li jitolqu minn ajruport li jinsab fin-Netherlands.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma C1.1 R4: Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jitnaqqas l-ammont ta' kilometri vvjaġġati minn karozzi li jaħdmu bil-fjuwils fossili.

Ir-riforma għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- it-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni tat-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi ("*Belasting van Personenauto's en Motorrijwielen*", BPM) għall-vannijiet li jaħdmu bil-fjuwils fossili ta' operaturi kummerċjali; kif ukoll
- l-emenda tal-bażi tat-taxxa fuq is-sjeda eżistenti mill-piż tal-vettura għan-numru ta' kilometri misjuqa.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma C1.1 R5: Il-Liġi dwar l-Enerġija

L-għan ta' din ir-riforma huwa li taġġorna, timmodernizza u tintegra l-qafas regolatorju għas-sistemi tal-enerġija tal-gass u tal-elettriku. B'mod partikolari, ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija, bl-integrazzjoni tal-Liġi attwali dwar il-Gass u l-Liġi attwali dwar l-Elettriku f'qafas legali wieħed, u li jkun fiha l-karatteristiċi li ġejjin:

- ittejjeb is-sistema tal-ġbir, il-ħżin u l-iskambju tad-data dwar il-gass u l-elettriku;
- tirrieżamina l-bażi ġuridika għal intervent tal-gvern provinċjali jew ċentrali fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija sabiex jiġi ottimizzat l-għoti ta' permessi u l-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Interess Nazzjonali – *Energieprojecten van Nationale Belang* (permezz tal-Iskema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali – *Rijkscoördinatieregeling, RCR*).
- taġġorna l-qafas regolatorju tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni u tal-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni;
- tirregola l-possibbiltajiet għall-utenti tal-elettriku biex isiru atturi attivi fis-suq tal-enerġija billi tippermetti (i) l-ikkuntrattar ta' diversi operaturi fuq konnessjoni waħda, (ii) il-bejgħ tal-elettriku awtoġenerat, kemm jekk permezz tal-aggregazzjoni kif ukoll jekk le, u (iii) il-monetizzazzjoni tal-flessibbiltà tal-utenti finali fid-domanda reali permezz tal-aggregazzjoni; kif ukoll
- ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi finali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment C1.1 I1: Riħ lil hinn mill-kosta

Dan l-investiment għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ fil-Baħar tat-Tramuntana. Aktar milli jkopri l-kostijiet tal-kostruzzjoni tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta nfushom, l-investiment għandu l-għan li jnaqqas l-esternalitajiet negattivi assoċjati mal-użu ta' kapaċità addizzjonali tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- it-titjib tas-sikurezza tat-tbajhir qrib il-parks eoliċi lil hinn mill-kosta permezz ta' (i) l-akkwist ta' ħames punti tal-irriċarġjar elettriċi ġodda fuq il-baħar għall-bastimenti elettriċi u ħames punti tal-irriċarġjar ġodda fil-moll għall-bastimenti elettriċi (inklużi bastimenti ibridi) u (ii) l-akkwist ta' tliet bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġenza;
- it-tisħiħ u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana, li tinsab f'riskju li tiġi affettwata b'mod negattiv mill-użu ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, permezz ta' (i) azzjonijiet ta' titjib tan-natura għall-protezzjoni tal-għasafar u tal-ispeċijiet tal-mammiferi tal-baħar, (ii) azzjonijiet pilota ta' restawr tan-natura ġewwa u barra s-siti ta' Natura 2000, (iii) proġetti ta' riċerka dwar azzjonijiet possibbli biex tissaħħaħ l-ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana u l-

konsewazzjoni tal-ispeċijiet, (iv) il-Programm Ekoloġiku Grieg Netherlandiż għar-Riħ lil Hinn mill-Kosta (Wozep) u (v) id-diġitalizzazzjoni tal-Monitoraġġ Ekoloġiku tal-Baħar tat-Tramuntana, inkluża l-installazzjoni ta' sensuri ekoloġiċi; kif ukoll

- c) l-integrazzjoni adegwata tal-konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta f'siti ta' żbark fuq l-art, inklużi (i) erba' pjanijiet ta' investiment taż-żona biex jiġi limitat l-impatt negattiv lokali tas-siti tal-iżbark tal-enerġija eolika fuq iż-żoni kkonċernati u (ii) pakkett ta' impuls ekoloġiku għaż-żona tal-Baħar Wadden u kumpens għas-salinizzazzjoni tal-art agrikola.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, is-sejħa (iet) għall-offerti u l-kuntratt (i) iffirmati għat-tliet bastimenti ġodda tal-irmunkar ta' rispons ta' emerġenza għandu jkun fihom il-kriterji vinkolanti ta' eliġibbiltà li ġejjin li għandhom jiġu vverifikati mill-awtorità ta' implimentazzjoni:

- a) Għandha tiġi pprovduta assigurazzjoni li esklussivament il-metanol ekoloġiku konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati għandhom jintużaw mill-bastimenti appoġġati taħt l-RRF.
- b) L-idroġenu ekoloġiku użat għall-produzzjoni tal-metanol ekoloġiku għandu jikkonforma mar-rekwiżit tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 73,4 % għall-idroġenu (li jirriżulta fi 3t CO₂eq/tH₂).
- c) Il-metanol ekoloġiku għandu jkseb iffrankar tal-emissjonijiet ta' mill-inqas 70 % f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati.
- d) Mill-inqas 90 % tal-konsum tal-enerġija tal-bastimenti tul ħajjithom għandu jkun elettriku, u l-konsum tal-enerġija li jifdal għandu jew (i) ikun minn metanol ekoloġiku (konformi mal-kundizzjonijiet għall-metanol ekoloġiku stabbiliti hawn fuq taħt (c)) prodott bl-użu tal-idroġenu ekoloġiku prodott bl-elettroliżi tal-ilma u tal-enerġija rinnovabbli (konformi mal-kundizzjonijiet għall-idroġenu ekoloġiku stabbiliti hawn fuq taħt (b)) u s-CO₂ minn: 1) qbid dirett mill-arja, 2) CO₂ residwu tal-attivitajiet industrijali, 3) skart mhux riċiklabbli (karbonju-riċiklat), ħliet minn proċessi ta' inċinerazzjoni, u/jew 4) il-fermentazzjoni ta' ħaxix maħsud (jew skart bijodegradabbli ieħor, f'każ li l-ħaxix maqtuġħ ma jkunx disponibbli biżżejjed; it-tipi kollha ta' "skart bijodegradabbli ieħor" użati għall-produzzjoni tal-metanol ekoloġiku għandhom ikunu konformi mar-residwi u/jew mill-iskart mill-kategoriji tal-materja prima inklużi fil-Parti A tal-Anness IX tad-Direttiva RED II); jew (ii) ikunu bbażati fuq l-aħjar teknoloġija disponibbli fis-settur. L-għażla bejn (i) u (ii) għandha tiddependi fuq il-kisba tal-aktar impatti ambjentali baxxi possibbli fis-settur.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C1.1 I2: L-enerġija ekoloġika tal-idroġenu

Dan l-investiment għandu l-għan li jaċċellera u jżid l-iżvilupp ta' ekosistema tal-idroġenu ekoloġiku fin-Netherlands.

L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- a) il-kostruzzjoni ta' mill-inqas żewġ faċilitajiet ta' dimostrazzjoni għal teknoloġiji innovattivi tal-idroġenu ekoloġiku biex tintwera l-fattibbiltà tal-elettroliżi fuq skala kbira u l-użu tal-idroġenu ekoloġiku;
- b) mill-inqas tliet proġetti ta' riċerka li jiffukaw fuq il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-użu tal-idroġenu ekoloġiku; kif ukoll
- c) l-iżvilupp ta' aġenda tal-kapital uman b'azzjonijiet biex tiżdied il-provvista tal-ħiliet fl-idroġenu ekoloġiku billi jiġu stabbiliti mill-inqas ħames komunitajiet reġjonali ta' taġlim, materjal tal-

kors u avvenimenti jew ċentri li jiffaċilitaw l-iskambji bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet tal-
edukazzjoni jew tar-riċerka.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom jappoġġaw biss il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-użu tal-idroġenu, abbażi tal-elettroliżi bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II) jew l-elettriku mill-grilja (din tal-aħħar tirrikjedi ġustifikazzjoni kif għandha tinkiseb kapaċità akbar ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-livell nazzjonali), jew attivitajiet tal-idroġenu li jikkonformaw mar-rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 73,4 % għall-idroġenu (li jirriżulta f'emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' inqas minn 3t CO₂e/tH₂) u 70 % għall-fjuwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu meta mqabbla ma' komparatur ta' fjuwils fossili ta' 94 g CO₂e/MJ b'analoġija għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 25(2) u fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti għandhom jiġu esklużi¹.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment C1.1 I3: It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-ilmijiet navigabbli interni, il-proġett Servizzi ta' Emissjonijiet Żero (ZES)

Dan l-investiment għandu l-għan li juża trasport fl-ilmijiet navigabbli interni kompletament elettriku u b'emissjonijiet żero. L-investiment għandu jipprovdi fondi għat-tlestija ta' Kontejners tal-Enerġija Modulari (MECs) b'kapaċità totali ta' 150 kWh, 14 sit tat-tagħbija għall-bastimenti u bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni kompletament elettriċi b'tunnellaġġ totali ta' 6161 TEU (unitajiet ekwivalenti ta' għoxrin pied). L-MECs huma kontenituri tal-enerġija interkambjabbli li għandhom jiġu ċċarġjati b'elettriku rinnovabbli u adattati għall-installazzjoni f'bastimenti ġodda u eżistenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-kaptani għandhom ikunu kapaċi jiskambjaw l-MECs fi kwalunkwe mill-14-il sit tat-tagħbija. Dawn is-siti tat-tagħbija għandhom ikunu mgħammra b'netwerk ta' "aċċess miftuħ" li jista' jintuża biex jistabbilizza l-grilja tal-elettriku jew biex jipprovdi domanda lokali u temporanja għall-elettriku.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom ikunu bastimenti b'emissjonijiet żero, u l-MECs għandhom jiġu ċċarġjati bl-elettriku rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C1.1 I4: L-avjazzjoni fi tranżizzjoni

Dan l-investiment għandu l-għan li jagħmel is-settur tal-avjazzjoni Netherlandiż sostenibbli, bil-ħsieb li tinkiseb avjazzjoni Netherlandiża kompletament newtrali għall-klima sal-2050, billi jitneħħew l-ostakli relatati maż-żieda fit-teknoloġiji għall-użu tal-idroġenu bħala trasportatur tal-enerġija fl-inġenji tal-ajru.

L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

¹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

- a) id-disinn dettaljat finali għal turbofan tal-kombustjoni bl-idroġenu "H2-turbofan ombouw", li għandu jkun għal waħda mill-magni ta' Fokker 100 b'kompartimenti tal-kombustjoni adattati għall-użu tal-idroġenu likwidu;
- b) id-disinn dettaljat finali tas- "Sistema ta' Powertrain u Ħżin ta' Inġenji tal-Ajru tal-Idroġenu", li għandha tipprovdi sistema ta' propulsjoni elettrika b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu għall-applikazzjoni fuq inġenji tal-ajru ċertifikabbli CS-23; kif ukoll
- c) l-istabbiliment ta' grupp ta' riflessjoni dwar l-avjazzjoni sostenibbli ("Flying Vision") li fih għandhom ikunu rappreżentati l-istituti tar-riċerka tal-avjazzjoni, il-linji tal-ajru u l-ajruporti Netherlandi kif ukoll il-manifatturi internazzjonali tat-tagħmir oriġinali tal-inġenji tal-ajru.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-azzjonijiet taħt dan l-investiment għandhom ikunu limitati għall-fażi tad-disinn u ma għandhomx jappoġġaw l-ittestjar u l-użu attwali tat-turbofan tal-kombustjoni tal-idroġenu "H2-turbofan ombouw" u s- "Sistema ta' Inġenji tal-Ajru tal-Idroġenu" elettrika b'ċellula tal-fjuwil f'inġenji tal-ajru dimostraturi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C1.2 I1: Programm dwar in-natura

Dan l-investiment huwa parti mill-approċċ strutturali tan-Netherlands għan-nitroġenu u għandu l-għan li jnaqqas l-effetti negattivi tal-emissjonijiet tan-nitroġenu fin-Netherlands, li affettwaw b'mod partikolari l-ispeċijiet u l-ħabitats, u jirrestawra n-natura vulnerabbli. L-investiment għandu jikkontribwixxi għall-kisba ta' kundizzjonijiet favorevoli jew imtejba ta' status ta' konservazzjoni għall-ispeċijiet u l-ħabitats skont id-Direttiva 2009/147 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Ġhasafar) u d-Direttiva 92/43 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-ħabitats) permezz tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin fiż-żoni tan-Natura 2000 jew madwarhom:

- a) titjib fil-kwalità tan-natura;
- b) azzjonijiet idroloġiċi;
- c) il-konservazzjoni u l-ottimizzazzjoni tat-tqassim taż-żoni tan-natura;
- d) żoni tranżitorji, inkluża l-konnessjoni bejn iż-żoni; kif ukoll
- e) azzjonijiet oħra, bħat-tqassim f'żoni rikreattivi jew il-kontroll ta' speċijiet invażivi

Barra minn hekk, il-provinċji għandhom jimplimentaw azzjonijiet ta' afforestazzjoni biex jikkompensaw għat-telf tal-foresti f'żoni deżinjati.

Fil-qafas tal-investiment, għandhom jiġu żviluppati pjanijiet ta' implimentazzjoni għal kull waħda mit-12-il provinċja. L-amministrazzjonijiet tal-provinċji għandhom jirċievu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-azzjonijiet ta' restawr tan-natura. L-investiment għandu jikkontribwixxi għat-twettiq ta' kundizzjonijiet għal status ta' konservazzjoni favorevoli jew imtejjeb tal-ispeċijiet u l-ħabitats skont id-Direttiva dwar l-Ġhasafar u d-Direttiva dwar il-ħabitats. It-12-il pjan ta' implimentazzjoni għandhom jiġu vvalutati u adottati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel. Il-kwalità ta' total ta' 101 924 ettaru ta' natura fis-siti Natura 2000 u madwarhom għandha tittejjeb permezz tal-azzjonijiet.

L-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art għandhom jimplimentaw azzjonijiet li jtejjbu l-kwalità tan-natura fiż-żoni Natura 2000 u madwarhom. Mill-inqas EUR 49 410 000 għandhom jiġu impenjati mill-Aġenzija Netherlandiża tal-Intrapriżi (Rijksdienst voor Ondernemend Nederland, RvO), f'isem

il-Ministeru tal-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel, lill-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art biex jimplimentaw dawn l-azzjonijiet.

Id-Direttorat Ġenerali għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ġestjoni tal-Ilma (Rijkswaterstaat) għandu jimplimenta tliet tipi ta' azzjonijiet biex itejjeb in-natura tax-xmajjar u l-ġestjoni tal-ġenb tat-triq:

- a) il-ġestjoni tal-ilma ssir aktar sostenibbli;
- b) it-teħid ta' azzjonijiet idroloġiċi u azzjonijiet oħra ta' ppjanar; kif ukoll
- c) it-tfassil mill-ġdid jew it-titjib tal-kwalità tal-verges tal-infrastruttura.

Mill-inqas EUR 29 610 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel lid-Direttorat Ġenerali għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ġestjoni tal-Ilma (Rijkswaterstaat) biex jimplimenta dawn l-azzjonijiet.

Mill-inqas EUR 18 800 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel biex jappoġġaw attivitajiet li jikkonċernaw prinċipalment l-iżvilupp tal-għarfien dwar ir-restawr tan-natura (inkluż it-titjib tan-Netwerk ta' Għarfien għall-Irkupru u l-Ġestjoni tan-Natura, OBN), il-komunikazzjoni u l-ġestjoni tal-partijiet interessati, u l-aġġustament tal-monitoraġġ tan-natura eżistenti bil-ħsieb li jkunu jistgħu jsiru evalwazzjonijiet tal-azzjonijiet taħt dan l-investment, li jirriżultaw f'dan li ġej:

- a) l-ewwel verżjoni mtejba tas-sistema ta' monitoraġġ tan-natura għandha tkun operattiva;
- b) għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas tliet rapporti dwar it-titjib tal-kwalità tan-natura f'ambjenti naturali sensittivi għan-nitroġenu; kif ukoll
- c) għandha tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, għandha titlesta Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) skont id-Direttiva 2011/92/UE (id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali). Fejn tkun twettqet VIA, għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent. Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom (inkluż in-network Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità, kif ukoll żoni protetti oħra), għandha titwettaq valutazzjoni xierqa f'konformità mad-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE, fejn applikabbli, u, abbażi tal-konklużjonijiet tagħha, għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C1.2 I2: Skema ta' għajjnuna għar-riabilitazzjoni tal-farms tal-ħnieżer

L-għan ta' dan l-investment huwa li jnaqqas fi żmien qasir l-ammont ta' emissjonijiet tal-ammonijaka u l-inkonvenjent tal-irwejjaħ f'żoni fejn il-konċentrazzjoni tal-irziezet tal-ħnieżer hija għolja kif ukoll id-depożizzjoni tan-nitroġenu fis-siti ta' Natura 2000. L-għotjiet għandhom jingħataw biex jappoġġaw lill-bdiewa tal-ħnieżer biex itemmu b'mod permanenti u irrevokabbli l-irziezet tal-ħnieżer tagħhom fuq bażi volontarja permezz ta':

- a) iċ-ċediment permanenti tad-drittijiet tagħhom għal ħnieżer tar-razza; kif ukoll
- b) l-obbligu ta' dawk li jirċievu l-għotjiet biex iwaqqgħu l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom, inklużi stalel, kantini tad-demel, sajlos tad-demel u sajlos.

Dawk li jrabbu l-ħnieżer għandhom jirċievu kumpens talli jċedu d-drittijiet tagħhom għal ħnieżer tar-razza kif ukoll għat-telf tal-valur ta' assi produttivi. Bit-tnaqqis tal-popolazzjoni tal-ħnieżer fin-Netherlands b'mill-inqas 6 % fil-livell nazzjonali meta mqabbel mal-2019, l-investment għandu

jnaqqas l-inkonvenjent tal-irwejjaħ attribwibbli għad-demel tal-bhejjem u jnaqqas l-emissjonijiet tan-nitroġenu fis-siti ta' Natura 2000. Għandu jingħata kumpens għat-tmiem ta' 275 farm tal-ħnieżer, li huma stmati li se jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'madwar 900 000 kg meta mqabbla mal-2019.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

A.2 Obiettivi intermedi, miri, indicatori, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Obiettiv intermedj u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull obiettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Obiettiv	Trimestru	Sena	
1	C1.1 R1-1 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Obiettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta t-tariffi tat-taxxa fuq l-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li temenda t-tariffi tat-taxxa fuq l-enerġija kif ġej: a) It-tariffa tal-ewwel faxxa fuq l-użu tal-gass għandha tiżdied u t-tariffa tal-ewwel faxxa fuq l-użu tal-elettriku għandha titnaqqas. Ir-rata tat-tariffa tal-ewwel faxxa fuq il-gass għandha tiżdied b'mill-anqas 2,5 ċenteżmi/m³ f'termini reali meta mqabbel mal-2024 meta mqabbla mal-2023 u din iż-żieda fir-rata għandha tiżdied gradwalment għal mill-anqas 3,5 ċenteżmi/m³ f'termini reali fl-2026. It-tariffa tal-ewwel faxxa fuq l-elettriku għandha titnaqqas b'mill-anqas 2,5 ċenteżmi/kWh f'termini reali fl-2024 meta mqabbla mal-2023 u din ir-rata ta' tnaqqis għandha tiżdied gradwalment għal mill-anqas 3,5 ċenteżmi/kWh f'termini reali fl-2026. b) It-tariffi fuq l-użu tal-elettriku fit-tieni u t-tielet faxex għandhom jitnaqqsu fl-2024 meta mqabbla mal-2023 f'termini reali. c) L-istruttura tat-tariffa tal-enerġija għandha ssir inqas digressiva billi jiżdiedu r-rati kemm fl-ogħla faxex tal-konsum tal-gass kif ukoll tal-elettriku. d) L-ammont ta' somma f'daqqa annwali tat-tnaqqis fit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsumaturi tal-elettriku għandu jiġi stabbilit għal mill-inqas EUR 493,27 għal kull konnessjoni tal-elettriku fl-2023.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
2	C1.1 R1-2 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta l-elementi strutturali tat-taxxi fuq l-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li fiha l-emendi li ġejjin: a) L-iskema ta' eżenzjoni u rifużjoni tat-taxxa fuq l-enerġija (fuq il-gass naturali u l-elettriku) għall-proċessi metallurġiċi u minerali għandha tiġi abolita. b) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-enerġija għall-konsum tal-gass naturali fil-produzzjoni tal-elettriku għandha tkun limitata għall-gass naturali użat għall-produzzjoni tal-elettriku formut lill-grilja. c) Ir-rata mnaqqa fit-taxxa fuq l-enerġija għall-ortikultura tas-serra għandha tiġi abolita.
3	C1.1 R2-1 L-introduzzjoni u l-issikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi l-imposta industrija li fuq is-CO2	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi imposta nazzjonali tas-CO2 għall-industrija. L-imposta għandha tagħxi bħala limitu minimu għall-prezz, billi tistabbilixxi prezz minimu għal tunnellata ta' CO2 emessa: jekk il-prezz tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS) jaqa' taħt dan il-prezz minimu, id-differenza bejn il-prezz tal-ETS u l-prezz minimu għandha tiġi imposta bħala taxxa.
4	C1.1 R2-2 L-introduzzjoni u l-issikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tissikka l-imposta industrija li tas-CO2	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid l-imposta industrijali tas-CO2 minn EUR 30 għal kull tunnellata fl-2021 għal EUR 50,10 għal kull tunnellata fl-2023 u mbagħad gradwalment għal EUR 82,80 għal kull tunnellata fl-2026 kif ukoll id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tnaqqas gradwalment l-ammont ta' emissjonijiet ta' CO2 eżentati mill-imposta industrijali tas-CO2, li jirriżulta f'2,4 Mton ta' emissjonijiet ta' CO2 inqas eżentati mistennija fl-2026.
5	C1.1 R3-1 Żieda fit-Taxxa fuq l-Ivvjaġġar	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li żżid it-	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri li jtilqu minn ajruport fin-Netherlands. It-taxxa għandha tkun mill-inqas tliet

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	bl-Ajru (Air Travel Tax, ATT)		taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri tal-ajru li jtilqu minn ajruport fin-Netherlands	dħul fis-seħħ tagħha						darbiet ogħla mit-taxxa fl-2022 (EUR 7,94 għal kull tluq għal kull passiġġier fl-2022).
6	C1.1 R4-1 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tneħħi gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi (BPM) għal vannijiet kummerċjali	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li telimina gradwalment l-eżenzjoni tat-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi (" <i>Belasting van Personenauto's en Motorrijwielen</i> ", BPM) għal-vannijiet li jaħdmu bil-fjuwils fossili ta' operaturi kummerċjali.
7	C1.1 R4-2	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni ta' liġi fil-	Pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali				Q2	2025	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-liġi li temenda l-bażi tat-taxxa għall-karozzi u l-vannijiet mill-piż tal-karozza jew tal-vann għan-numru ta' kilometri misjuqa.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi		Ġurnal Uffiċjali li temenda t-taxxa eżistenti fuq il-karozzi u l-vannijiet							Il-liġi tista' tinkludi dispożizzjonijiet li jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-2030. Il-liġi għandha tinkludi dispożizzjonijiet li jattribwixxu responsabbiltajiet u kompetenzi lill-korpi ta' implimentazzjoni rilevanti, li għandhom jidħlu fis-seħħ u japplikaw mal-pubblikazzjoni. Il-liġi għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tat-tip ta' sistema ta' imposti u tiddefinixxi kif it-tariffa għandha tiġi strutturata u kif għandha tiġi ddeterminata r-reġistrazzjoni tan-numru ta' kilometri misjuqa.
8	C1.1 R4-3 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi	Objettiv intermedju	Ittra lill-Parlament dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-liġi li temenda l-bażi tat-taxxa għall-karozzi u l-vannijiet	Inħarġet ittra lill-Parlament				Q2	2026	Ittra mill-gvern lill-Parlament għandha tagħti dettalji dwar l-azzjonijiet meħuda mill-aġenziji eżekuttivi awtorizzati għall-implimentazzjoni tal-liġi li temenda l-bażi tat-taxxa għall-karozzi u l-vannijiet mill-piż tal-karożza jew tal-vann għan-numru ta' kilometri misjuqa. L-ittra għandha tiddeskrivi l-passi li jmiss tal-implimentazzjoni fir-rigward ta' (a) is-sistema ta' imposti, (b) l-istruttura tariffarja u (c) ir-reġistrazzjoni tan-numru ta' kilometri misjuqa biex tiġi żgurata l-operazzjonalizzazzjoni f'konformità mal-liġi li temenda t-taxxa eżistenti fuq il-karozzi u l-vannijiet.
9	C1.1 R5-1 Il-Liġi dwar l-Enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija li tintegra l-Liġi attwali dwar il-Gass u l-Liġi attwali dwar l-Elettriku f'qafas legali wieħed u li għandha l-karatteristiċi li ġejjin: a) ittejjeb is-sistema tal-ġbir, il-ħżin u l-iskambju tad-data dwar il-gass u l-elettriku; b) tirreżamina l-bażi ġuridika għal intervent tal-gvern provinċjali jew ċentrali f'proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija sabiex jiġi ottimizzat l-

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedj u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										għoti ta' permessi u l-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Interess Nazzjonali – <i>Energieprojecten van Nationale Belang</i> (permezz tal-Iskema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali – <i>Rijkscoördinatieregeling, RCR</i>). c) taġġorna l-qafas regolatorju tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni u tal-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni; d) jirregolaw il-possibbiltajiet għall-utenti tal-elettriku biex isiru atturi attivi fis-suq tal-enerġija billi jippermettu (a) l-ikkuntrattar ta' diversi operaturi fuq konnessjoni waħda, (b) il-bejgħ tal-elettriku awtoġenerat, kemm jekk permezz tal-aggregazzjoni kif ukoll jekk le, u (c) il-monetizzazzjoni tal-flessibbiltà tal-utenti finali fid-domanda reali permezz tal-aggregazzjoni; kif ukoll e) ittejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi finali.
10	C1.1 II-1 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-trasport marittim u – Kuntratt(i) iffirmat(i) għax-xiri ta' punti tal-iċċarġjar ġodda fuq il-baħar, u għax-xiri ta' ħames punti tal-iċċarġjar ġodda fil-moll.	Kuntratt(i) iffirmat(i) għax-xiri ta' ħames punti tal-iċċarġjar ġodda fuq il-baħar, u għax-xiri ta' ħames punti tal-iċċarġjar ġodda fil-moll.				Q2	2026	L-iffirmar tal-kuntratt(i) għax-xiri ta' ħames punti tal-irriċarġjar elettriċi ġodda għall-bastimenti elettriċi (inklużi bastimenti ibridi) fuq il-baħar; u l-iffirmar tal-kuntratt (i) għax-xiri ta' ħames punti tal-irriċarġjar elettriċi ġodda għall-bastimenti elettriċi (inklużi bastimenti ibridi) fil-moll.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			baħar u fil-moll							
11	C1.1 II-2 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-trasport marittim u – Pubblika zzjoni ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġen za	Offerta/i ppubblikata/i għax-xiri ta' tliet bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġen za				Q4	2025	Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' tliet bastimenti ġodda tal-irmonk ta' rispons ta' emerġen za li għandhom jintużaw biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-tbajhir fil-parks eoliċi lil hinn mill-kosta u madwarhom. L-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għandu jkun fihom kriterji vinkolanti ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu vverifikati mill-awtorità ta' implimentazzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mad-DNSH, kif stabbilit fid-deskrizzjoni tal-investment.
12	C1.1 II-3 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-tbajhir – Kuntratt (i) iffirmat (i) għax-xiri ta' bastimenti	Kuntratt (i) iffirmat (i) għax-xiri ta' tliet bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġen za				Q2	2026	L-iffirmar tal-kuntratt (i) għax-xiri ta' tliet bastimenti ġodda tal-irmonk ta' rispons ta' emerġen za li għandhom jintużaw biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-tbajhir fil-parks eoliċi lil hinn mill-kosta u madwarhom. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-DNSH, il-kuntratt(i) għandu jkun fih(om) l-ispeċifikazzjonijiet kif stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-investment.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			ti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġenza							
13	C1.1 II-4 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Żvilupp u implimentazzjoni tat-titjib tan-natura u l-protezzjoni tal-ispeċijiet	Kuntratti ffirmati jew ftehimiet ta' għotja għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-titjib tan-natura u l-protezzjoni tal-ispeċijiet				Q4	2025	Kuntratti u/jew ftehimiet ta' għotja ffirmati għall-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' titjib tan-natura u ta' protezzjoni tal-ispeċijiet: a) mill-inqas sitt pjanijiet ta' protezzjoni tal-ispeċijiet jew pjanijiet għat-titjib tan-natura; b) mill-inqas erba' studji ta' riċerka ta' segwitu għal aktar titjib tal-pjanijiet ta' protezzjoni tal-ispeċijiet, u/jew pjanijiet għat-titjib tan-natura, u għall-istabbiliment ta' mmappjar tal-linja bażi; c) mill-inqas tliet proġetti pilota għal azzjonijiet ta' ttestjar identifikati fil-pjanijiet ta' protezzjoni tal-ispeċijiet, u/jew il-pjanijiet għat-titjib tan-natura, u/jew l-istudji ta' riċerka ta' segwitu. Kuntratti u/jew ftehimiet ta' għotja ffirmati għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' titjib tan-natura u ta' protezzjoni tal-ispeċijiet li ġejjin: a) mill-inqas żewġ santwarji tal-għasafar; b) mill-inqas ħames azzjonijiet ta' protezzjoni tal-ispeċijiet fuq skala żgħira; c) azzjonijiet ta' restawr tan-natura jew ta' titjib tan-natura f'mill-inqas tliet parks eoliċi lil hinn mill-kosta.
14	C1.1 II-5	Mira	It-tisħiħ u l-protezzjoni		Għadd ta' proġet	0	4	Q4	2025	Kuntratti ffirmati għal mill-inqas erba' proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew ir-restawr tan-natura fiż-żoni Natura 2000, fiż-żoni madwar iż-żoni ta' Natura

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedj u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	Riħ lil hinn mill-kosta		ni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana – Proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew ir-restawr tan-natura fiż-żoni Natura 2000 u fiż-żoni protetti tal-madwar u fi hđanhom skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)		ti li għalihom ġew iffirmati kuntratti					2000 u fiż-żoni protetti skont id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina - MSFD). Dawn l-erba' proġetti għandhom jieħdu azzjonijiet li jindirizzaw wieħed jew aktar mill-għanijiet ta' konservazzjoni kif irrappurtat fil-pjanijiet ta' ġestjoni ta' dawn iż-żoni protetti.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
15	C1.1 II-6 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	It-tisħiħ u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana – Program Ekoloġiku u għar-Rimi lil hinn mill-Kosta (WOZEP)	Riċerka tal-Programm Ekoloġiku taż-Żejt lil hinn mill-kosta: rapport ta' sinteżi ppubblikat				Q1	2026	Il-proġetti ta' riċerka għandhom ikunu avvanzati sostanzjalment fl-oqsma ta' riċerka li ġejjin: a) il-ġbir u l-immudellar tad-data dwar l-effetti tal-iżvilupp tar-riħ lil hinn mill-kosta u t-turbini eoliċi fuq l-għasafar u l-friefet il-lejl; b) l-effetti tal-iżvilupp tar-riħ lil hinn mill-kosta (il-fażi tal-konstruzzjoni u l-fażi operazzjonali) fuq il-mammiferi tal-baħar; c) l-effetti tal-iżvilupp tar-riħ lil hinn mill-kosta fuq l-ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana, inklużi d-disponibbiltà tal-ikel u l-adegwatezza tal-habitats għall-ispeċijiet protetti tal-għasafar, tal-friefet il-lejl u tal-mammiferi tal-baħar; kif ukoll d) valutazzjonijiet tal-impatt kumulattivi biex jiġu kkalkulati l-effetti tal-parks eoliċi pplanati u eżistenti fuq l-ispeċijiet protetti. Għandu jingħata sommarju tal-proġetti ta' riċerka fil-forma ta' rapport; għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati disponibbli tal-proġetti elenkati hawn fuq.
16	C1.1 II-7 Riħ lil hinn mill-kosta	Mira	It-tisħiħ u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana – Diġitalizzazzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana		Għadd ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ installati u operazzjonali	0	12	Q1	2026	Mill-inqas żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ statċi u mill-inqas 10 stazzjon mobbli ta' monitoraġġ għandhom jiġu installati u operattivi.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			ana – Stazzjoni jiet ta' Monitora ġġ							
17	C1.1 II-8 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art – Ftehimiet ta' governanza għall-pjanijiet ta' investiment fiż-żona	Ftehimiet ta' governanza ffirmati				Q2	2024	Għandu jiġi ffirmat ftehim ta' governanza bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika u kull wieħed mir-reġjuni b'siti ta' żbark tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta (Borssele, Ivvollakte, Noordzeekanaalgebied u Eemshaven). Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu mill-inqas: a) Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-partijiet u tal-partijiet ikkonċernati involuti fis-sistema ta' governanza għall-ġestjoni tal-investimenti f'reġjuni b'siti ta' żbark tal-enerġija tar-riħ lil hinn mill-kosta; b) L-ispeċifikazzjoni ta' liema infrastruttura hija meħtieġa għall-enerġija ekoloġika u l-konsegwenzi tagħha għal kull reġjun; c) L-ammont allokati lir-reġjun għal azzjonijiet biex jittaffew l-impatti negattivi minn żbarki eoliċi lil hinn mill-kosta fuq il-kwalità tal-ambjent tal-għajxien fir-reġjun; d) It-tip ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni previsti; kif ukoll e) Speċifikazzjoni li Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE (id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali). Fejn tkun twettqet VIA, għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent. Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom (inkluż in-network Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni Ewlenin tal-Bijodiversità, kif ukoll żoni protetti

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										oħra), għandha titwettaq valutazzjoni xierqa f'konformità mad-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE, fejn applikabbli, u, abbażi tal-konklużjonijiet tagħha, għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni meħtieġa.
18	C1.1 II-9 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art – Ftehimiet amministrattivi għal pjanijiet ta' investiment fiż-żona	Ftehimiet amministrattivi ffirmati				Q1	2026	Għandhom jiġu ffirmati ftehimiet amministrattivi bejn il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika Klimatika u kull wieħed mir-regġuni b'siti ta' żbark tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta (Borssele, Ivvollakte, Noordzeekanaalgebied u Eemshaven). Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu pakketti ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fir-regġuni biex jittaffew l-impatti negattivi mill-ħatt l-art tar-riħ lil hinn mill-kosta fuq il-kwalità tal-ambjent tal-għajxien fiżiku u l-impenn ta' finanzjament korrispondenti. Il-ftehimiet amministrattivi kollha meħuda flimkien għandhom jinkludu mill-inqas l-azzjonijiet li ġejjin: a) Protezzjoni akustika għall-istazzjonijiet b'vultaġġ għoli b) Spazji ekoloġiċi u/jew rikreattivi bħal foresti jew parks c) Titjib tal-infrastruttura tal-mobbiltà lokali bħal mogħdijiet għaċ-ċikliżmu jew għall-mixi d) Ċentri ta' informazzjoni pubblika għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Mill-inqas EUR 200 000 000 għandhom jiġu impenjati mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika dwar il-Klima għall-azzjonijiet kollha meħuda flimkien.
19	C1.1 II-10	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn	Deċiżjoni(jiet) dwar il-Pakkett ta' Impulsazzjoni				Q3	2025	Id-Deċiżjoni(jiet) dwar il-Pakkett dwar l-Impulsi Ekoloġiċi tal-Baħar Wadden għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Politika tar-Regġun ta' Wadden Sea, li jikkonsisti minn rappreżentanti minn gvernijiet

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										konsultattiv dwar it-trasparenza. L-att għandu jiżgura li l-informazzjoni tas-settur pubbliku tkun faċilment aċċessibbli b'mod diġitali miċ-ċittadini, l-istampa u l-midja, il-Membri tal-Parlament u l-persunal tagħhom. L-obbligu li jiġu żvelati b'mod attiv kategoriji speċifiċi ta' informazzjoni (l-Artikolu 3.3 tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ) jista' jidħol fis-seħħ f'fażijiet fi żminijiet li għandhom jiġu ddeterminati minn Digriet Irjali.
59	C2.3 R1-2 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni aġġornati dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-informazzjoni	Pubblikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni aġġornat mill-organizzazzjonijiet tal-gvern ċentrali				Q4	2022	L-organizzazzjonijiet tal-gvern ċentrali (12-il Ministeru, inklużi l-korpi u l-aġenziji amministrattivi awtonomi tagħhom) għandhom jippubblikaw pjanijiet ta' azzjoni aġġornati biex itejbu l-aċċessibilità diġitali tas-sistemi ta' informazzjoni tagħhom. Il-pjanijiet ta' azzjoni aġġornati tal-Ministeri għandhom jindirizzaw it-8 prijetajiet li ġejjin: 1. L-istabbiliment tas-sistema ta' governanza proprja rilevanti fil-livell ta' ministeri, korpi amministrattivi awtonomi u aġenziji. 2. It-tweqqif tal-kejl bażi fuq is-sistema ta' informazzjoni tal-Ministeru. 3. L-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità jew funzjonijiet simili tas-sistema IV. 4. Implimentazzjoni tad-Dokumenti Parlamentari mid-Dipartimenti Ewlenin.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										5. Konnessjoni mal-Pjattaforma ta' Informazzjoni tal-Gvern Miftuħ (PLOOI) mill-komponenti nazzjonali. 6. L-implimentazzjoni tal-manwal tal-arkivjar tal-posta elettronika tal-gvern ċentrali. 7. L-implimentazzjoni tal-linja ta' politika tal-apps għall-messaġġi. 8. L-implimentazzjoni tal-arkivjar tal-web f'konformità mal-kuntratt qafas rilevanti.
60	C2.3 R1-3 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Mira	Dokumenti disponibbli fuq il-Pjattaforma ta' Informazzjoni tal-Gvern Miftuħ		Għadd	0	330 000	Q2	2026	Total ta' mill-inqas 330 000 dokument li jappartjenu għal mill-inqas 4 mis-17-il kategorija ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 3.3 tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ għandhom ikunu disponibbli fuq il-Pjattaforma ta' Informazzjoni tal-Gvern Miftuħ bħala riżultat tal-konnessjoni tal-korpi amministrattivi ma' infrastruttura diġitali miżmuma mill-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju.
61	C2.3 I1-1 IT rivoluzzjonarja (GrIT)	Objettiv intermedju	Azzjonijiet ta' titjib fiċ-Ċibersigurtà implimentati	Azzjonijiet biex tittejjeb iċ-ċibersigurtà implimentati				Q1	2024	L-azzjonijiet taċ-ċibersigurtà li ġejjin għandhom jiġu implimentati mill-Ministeru tad-Difiża: - Il-ħolqien ta' Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà; - L-introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-identifikazzjoni u tal-aċċess għall-kooperazzjoni ma' partijiet terzi; - L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni ċċertifikata u vverifikata bi

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										klassifikazzjoni baxxa (LGI) u informazzjoni ta' klassifikazzjoni għolja (HGI); kif ukoll - L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni għall-kontroll tal-aċċess diġitali għaċ-ċentri tad-data.
62	C2.3 I1-2 IT rivoluzzjonarja (GrIT)	Mira	Persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża li jaħdem mill-bogħod permezz ta' netwerk sigur		Għadd	0	500	Q4	2024	Sabiex ikun hemm xogħol mill-bogħod sikur, mill-inqas 500 membru tal-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża għandu jkollhom aċċess għal netwerk sigur bi: a) mezzi ta' komunikazzjoni (vuċi, vidjo u chat); b) postijiet tax-xogħol virtwali wiċċ imb wiċċ, kif ukoll c) spazji kollaborattivi uniformi.
63	C2.3 I1-3 IT rivoluzzjonarja (GrIT)	Objettiv intermedju	Titjib fin-networks u tlestew il-migrazzjoni lejn infrastruttura ġdida tal-IT	Titjib tan-network u l-migrazzjoni għal infrastruttura ġdida tal-IT				Q3	2025	It-tagħmir tan-network f'postijiet fiżiċi għandu jiġi mmodernizzat u l-wisa' tal-banda tan-network għandha tiżdied sabiex tiġi żgurata kwalità suffiċjenti tan-network għall-applikazzjonijiet li jkunu qed jintużaw mill-persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża. L-applikazzjonijiet back-end għandhom jiġu migrati lejn infrastruttura ġdida taċ-ċentri tad-data u pjattaformi li jospitaw.
64	C2.3 I1-4 IT rivoluzzjonarja (GrIT)	Mira	Persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża b'aċċess għal faċilitajiet addizzjonali ta'		Għadd	0	500	Q1	2026	Biex tkompli tittejjeb is-sikurezza tax-xogħol mill-bogħod, mill-inqas 500 persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża għandu jkollhom aċċess għal: a) ċentru ta' kuntatt imġedded, u b) applikazzjonijiet bażiċi (inkluż l-ipproċessar ta' preżentazzjonijiet,

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju /Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			xogħol mill-bogħod sigur							spreadsheets, internet tan-negozju u faċilitajiet tal-istampar).
65	C2.3 I2-1 Id-digitalizzazzjon i tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Objettiv intermedju	Portal diġitali għall-komunikazzjoni formali fi proċedimenti kriminali operazzjonali	Portal diġitali operazzjonali				Q1	2023	Portal diġitali għall-komunikazzjoni diġitali għandu jkun operazzjonali u aċċessibbli għaċ-ċittadini, li jipprovdi l-kundizzjonijiet għal komunikazzjoni formali dwar il-proċedimenti kriminali mal-vittmi, l-avukati u t-trasgressuri (inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti) li ssir b'mod diġitali minflok fuq il-karta.
66	C2.3 I2-2 Id-digitalizzazzjon i tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Objettiv intermedju	L-ipproċessar diġitali ta' każijiet ta' kriminalità frekwenti huwa operazzjonali	L-ipproċessar diġitali ta' każijiet ta' kriminalità frekwenti huwa operazzjonali				Q4	2023	Għandu jkun possibbli li l-każijiet kriminali kollha fil-kategorija "Reat Frekwenti" (<i>veel voorkomende criminaliteit</i> , VVC) jiġu pproċessati b'mod diġitali. Ir-rapporti tal-pulizija (<i>proces-verbaal</i>) għandhom jinbdew b'mod diġitali u d-deċiżjonijiet dwar kawżi kriminali għandhom jinħolqu u jiġu pproċessati b'mod diġitali. L-evidenza fil-forma ta' materjal vidjo u awdjo dwar każijiet kriminali fil-kategorija "Reati Frekwenti" (VVC) għandha tkun aċċessibbli b'mod diġitali għall-pulizija, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-ġudikatura

C. KOMPONENT 3: IT-TITJIB TAS-SUQ TAD-DJAR U LI L-PROPRJETÀ IMMOBBLI SSIR AKTAR EFFIĊJENTI FL-UŻU TAL-ENERĠJA

Dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċja s-suq tal-akkomodazzjoni Netherlandiż. Dan jikkonsisti f'fames riformi u tliet investimenti ddedikati għal (i) it-tneħħija tal-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa Netherlandiża li jiffavorixxu ċerti tipi ta' sjieda ta' proprjetà residenzjali fuq oħrajn, (ii) l-aċċellerazzjoni u l-iżblukkar tal-attività ta' kostruzzjoni fin-Netherlands u (iii) it-titjib tal-effiċjenza enerġetika kemm fil-proprjetà immobbli privata kif ukoll f'dik pubblika permezz ta' sussidji għar-rinnovazzjoni. Il-miżuri f'dan il-komponent għandhom l-għan li jnaqqsu l-inugwaljanza fis-suq tal-akkomodazzjoni billi jneħħu d-distorsjonijiet tat-taxxa filwaqt li jżidu l-provvista ta' akkomodazzjoni (affordabbli) permezz ta' ppjanar ċentralizzat ta' provvista ġdida ta' akkomodazzjoni, it-tneħħija ta' konġestjonijiet fil-proċess tal-ippjanar għall-kostruzzjoni u billi jipprovdu investimenti pubbliċi biex jiġu żblukkati proġetti ta' kostruzzjoni residenzjali. Għandha l-għan ukoll li tagħmel il-kera soċjali aktar dipendenti fuq id-dħul billi tippermetti żidiet ogħla fil-kera għall-kerrejja bi dħul ogħla. L-investimenti fit-tieni subparti tal-komponent għandhom l-għan li jtejbju l-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku u privat, inklużi interventi bħall-installazzjoni ta' pompi tas-sħana u bojlers solari kif ukoll it-titjib tal-iżolament tad-djar.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex jitnaqqas il-preġudizzju favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi u d-distorsjonijiet fis-suq tad-djar, inkluż billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-settur tal-kiri privat, u tittieħed azzjoni biex tiżdied il-provvista tad-djar (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2022) u biex "titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi (...) tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022) u biex "tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq (...) l-istrateġiji tal-effiċjenza enerġetika u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (...)" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

C.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C3.1 R1: Żieda fil-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti

Din ir-riforma għandha żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti (*leegwaarderatio*) fis-sistema tat-taxxa Netherlandiża. It-tassazzjoni attwali tal-assi bi sjieda privata tassumi li l-valur tal-istima tal-proprjetà immobbli li mhijiex okkupata mis-sid jissopravaluta l-valur reali tal-proprjetà. Għalhekk, il-valur tal-proprjetà li tinkera jiġi kkoreġut mill-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti, li effettivament jintroduċi skont tat-taxxa għas-sidien tax-xiri għall-kiri tal-proprjetà. L-għan li jiżdied il-proporzjon huwa li t-tassazzjoni tal-proprjetà tal-kiri tiġi allinjata aħjar mal-valur ekonomiku reali li din tirrappreżenta għas-sidien tal-proprjetà, u b'hekk jitnaqqsu d-distorsjonijiet fis-suq tad-djar.

Għal proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali li taqbeż 15 % tal-valur ta' stima tal-proprjetà kif determinat mill-muniċipalità rilevanti (jiġifieri l-Waardering Onroerende Zaken (WOZ)) u għal proprjetajiet mikrija lil partijiet relatati, il-proporzjon għandu jiżdied għal 100 %, li effettivament jelimina l-iskont tat-taxxa. Għall-proprjetajiet tal-kiri b'kera annwali ta' 5 % jew inqas tal-valur ta' stima, il-proporzjon

għandu jżied b'mill-inqas 25 punti perċentwali meta mqabbel mal-proporzjon applikabbli fl-2022. Il-valur tal-pussess vakanti ma għandux japplika għal proprjetajiet tal-kiri b'kuntratt ta' kiri temporanju, li effettivament jelimina l-iskont tat-taxxa f'dawn il-każijiet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma C3.1 R2: It-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa ta' rigali għall-finanzjament ta' xiri ta' djar

Din ir-riforma għandha tabolixxi, f'żewġ stadji, l-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali għall-finanzjament ta' xiri fid-djar għaż-żgħażagħ. Fl-2022, kull min għandu bejn 18 u 40 sena huwa intitolat għal eżenzjoni mit-taxxa ta' darba meta jirċievi rigali sa EUR 106 671 jekk l-ammont mogħti jintuża għax-xiri tal-ewwel dar (okkupata mis-sid) tal-individwu. Mill-1 ta' Jannar 2023, l-eżenzjoni mit-taxxa għandha titnaqqas b'mill-inqas 70 % meta mqabbla mal-eżenzjoni fl-2022. Għandu jiġi abolit mill-1 ta' Jannar 2024. Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas kemm id-distorsjonijiet kif ukoll l-inugwaljanza fis-suq tad-djar.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Riforma C3.1 R3: Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar

Taħt din ir-riforma, il-gvern nazzjonali għandu jistabbilixxi l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu (jiġifieri mibnija ġodda jew konvertiti minn użi oħra, inklużi dawk abbandunati jew mhux tajbin biex jgħixu) f'kull provinċja, li min-naħa tagħhom għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu fil-livell tal-muniċipalità.

Ir-riforma għandha tinvolvi:

- il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar l-għadd speċifiku għall-provinċji ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu, inkluż permezz ta' trasformazzjoni, li jammontaw għal 900 000 abitazzjoni ġdida li għandhom jitlestew u li joperaw sal-2030, li minnhom 600 000 għandhom ikunu affordabbli (kif definit hawn taħt);
- il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn il-provinċji u l-muniċipalitajiet dwar l-għadd speċifiku ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu biex tiġi ssodisfata l-ambizzjoni nazzjonali kif stabbilita taħt a);
- l-implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ biex jiġi segwit il-progress fir-realizzazzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda; kif ukoll
- id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tippermetti lill-gvern nazzjonali jintervjeni b'azzjoni amministrattiva jew legali f'każ ta' ksuri ta' ftehimiet provinċjali jew reġjonali dwar it-twettiq ta' abitazzjonijiet ġodda (jiġifieri l-ftehimiet indikati taħt a) u b), rispettivament).

Għall-fini ta' din ir-riforma, l-akkomodazzjoni affordabbli għandha tiġi definita bħala (a) akkomodazzjoni soċjali għall-kiri, (b) abitazzjonijiet mikrija sa ċerta kera massima, stabbilita għal EUR 1 000 fix-xahar fl-2022, u (c) abitazzjonijiet okkupati mis-sid bi prezz aktar baxx jew ugħali għall-prezz massimu tax-xiri ta' dar li għaliha l-Garanzija Ipotekarja Nazzjonali (NHG) tiggarrantixxi l-ipoteka. Il-kera massima msemmija taħt (b) tista' tiġi aġġustata fis-snin sussegwenti jekk dan ikun iġġustifikat minn żviluppi ekonomiċi u ta' politika bħal żviluppi fil-prezzijiet jew fl-introjt. Kwalunkwe aġġustament, b'mod partikolari dak li jmur lil hinn mill-indiċjar għall-iżviluppi tal-prezzijiet u tal-introjt, għandu jkun debitament ġustifikat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Riforma C3.1 R4: Żieda fid-dipendenza tal-kera fuq id-dħul

Din ir-riforma għandha żżid l-ammont li bih il-kirjiet għal inkwilini ta' akkomodazzjoni soċjali bi dħul medju sa għoli jistgħu jiżiedu kull sena. Iż-żieda massima l-ġdida tal-kera ta' kull xahar għandha tkun ta' EUR 50 għal kerrejja bi dħul medju u EUR 100 għal inkwilini bi dħul għoli mill-1 ta' Jannar 2022. Din ir-riforma għandha l-għan li tallinja aħjar il-kirjiet mal-introjt ta' inkwilin u tippermetti provvista aktar immirata ta' akkomodazzjoni affordabbli lill-unitajiet domestiċi b'introjt baxx, filwaqt li tgħin ukoll lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni jżidu l-investimenti fi proprjetajiet ġodda tal-kiri.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma C3.1 R5: L-aċċellerazzjoni tal-proċess u tal-proċeduri tal-kostruzzjoni residenzjali

Din ir-riforma għandha l-għan li tneħħi l-ostakli fil-proċedura tal-ippjanar u tal-ġhoti tal-permessi għall-proċessi tal-kostruzzjoni fin-Netherlands. Bħala l-ewwel pass, il-ministeru rilevanti għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni fil-forma ta' ittra lill-Parlament. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi lista ta' azzjonijiet biex jitħaffu l-proċeduri tal-ippjanar u tal-permessi u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Bħala t-tieni pass, għandu jitwettag sett sostanzjali tal-azzjonijiet identifikati. Dan għandu jinkludi mill-inqas i) azzjonijiet biex jittejjeb l-għarfien tal-muniċipalitajiet u l-kumpaniji tal-kostruzzjoni dwar il-proċeduri tal-ippjanar, ii) l-istabbiliment ta' tim ta' esperti li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet u lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni biex jitħaffu l-proċeduri meħtieġa għat-twettag ta' abitazzjonijiet ġodda u iii) l-istabbiliment ta' tim nazzjonali li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet jindirizzaw il-konġestjonijiet fil-proċeduri tal-ippjanar, iv) it-tnedija ta' sistema għall-monitoraġġ tal-progress fl-aċċelerazzjoni tal-proċeduri.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Investiment C3.1 I1: Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni

Dan l-investiment huwa maħsub biex jipprovdi l-mezzi lill-muniċipalitajiet biex iwettqu l-investimenti meħtieġa qabel ma tkun tista' tibda l-kostruzzjoni residenzjali. Il-bidu ta' proġetti ta' kostruzzjoni residenzjali fil-kuntest ta' dan l-investiment għandu jkun definit bħala l-bidu ta' xogħlijiet fuq il-pedament tal-bini li fih l-abitazzjonijiet.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju permezz ta' skema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet, li għandha twassal għall-bidu tal-kostruzzjoni ta' mill-inqas 100 000 abitazzjoni.

Bħala parti mill-investiment, għandu jiġi ppubblikat rapport mill-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju. Ir-rapport għandu jipprovdi evidenza kwalitattiva li l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima li jissodisfaw l-istandards minimi stabbiliti mill-patti rilevanti ġew implimentati f'konformità mal-applikazzjonijiet għal sussidju approvati. Il-patti għandhom ikunu ftehimiet bejn provinċji, muniċipalitajiet u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess ta' kostruzzjoni residenzjali u kummerċjali li fihom il-partijiet ikkonċernati jimpenjaw ruħhom għal standards minimi għal kostruzzjoni adattiva għat-tibdil fil-klima fuq art privata u pubblika fir-rigward tal-protezzjoni kontra s-sħana, in-nixfa, l-għargħar pluvjali, tax-xmajjar u tal-kosta kif ukoll fir-rigward tal-inklużività tan-natura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C3.2 I1: Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku

Dan l-investiment għandu jipprovdi sussidji lis-sidien ta' proprjetà immobbli pubblika, bħal bini ta' amministrazzjonijiet lokali jew istituzzjonijiet edukattivi u tas-saħħa, sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini u biex b'riżultat ta' dan jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂. Dan għandu jwassal għal tnaqqis annwali fl-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 110 kilotunnellata, kif stmat ex ante. L-interventi għandu jkollhom l-oġettiv li bħala medja jiksbu tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante.

L-investiment għandu jinkludi a) id-dħul fis-seħħ ta' regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni u b) appoġġ finanzjarju għat-tlestija ta' rinnovazzjonijiet jew interventi ta' effiċjenza enerġetika taħt l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment C3.2 I2: Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija

Dan l-investiment għandu jipprovdi sussidji għall-implimentazzjoni tal-interventi tal-iffrankar tal-enerġija. L-interventi eliġibbli għandhom ikunu bojlers solari, konnessjonijiet termali, iżolazzjoni, pompi tas-sħana u, mill-2023 'il quddiem, installazzjonijiet tat-tisjir elettriċi. Mill-inqas 225 000 minn dawk l-interventi għandhom jiġu ffinanzjati bħala riżultat tas-sussidju. L-interventi għandu jkollhom l-oġettiv li jiksbu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-attivitajiet u l-assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti għandhom jiġu esklużi⁸.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

⁸ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

C.2 Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
67	C3.1 R1-1 Żieda fil-proporzjon tal-valur tal-pussess battal	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2023	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti. Il-proporzjon għandu jiżdied għal 100 % għall-proprietajiet tal-kiri b'kera annwali li taqbeż 15 % tal-valur tal-istima tal-proprietà kif stabbilit mill-muniċipalità rilevanti (jiġifieri l- <i>Waardering Onroerende Zaken</i> (WOZ)) u għall-proprietajiet mikrija lil partijiet relatati. Għall-proprietajiet tal-kiri b'kera annwali ta' 5 % jew inqas tal-valur ta' stima, il-proporzjon għandu jiżdied b'mill-inqas 25 punti perċentwali meta mqabbel mal-proporzjon applikabbli fl-2022. Il-valur tal-pussess vakanti ma għandux japplika għal proprietajiet tal-kiri b'kuntratt ta' kiri temporanju, li effettivament jelimina l-iskont tat-taxxa f'dawn il-każijiet.
68	C3.1 R2-1 It-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali li jiffinanzjaw ix-xiri ta' djar	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li telimina gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiffinanzjaw ix-xiri ta' djar f'żewġ stadji	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li għandha tinkludi ż-żewġ passi li ġejjin għat-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali għall-finanzjament ta' xiri ta' djar: (1) (1) mill-1 ta' Jannar 2023, tnaqqis fl-eżenzjoni massima mit-taxxa għal rigali għall-finanzjament ta' xiri fid-djar b'mill-inqas 70 % meta mqabbel mal-eżenzjoni massima mit-taxxa ta' 2022 (2) it-tneħħija tal-eżenzjoni mit-taxxa mill-1 ta' Jannar 2024.
69	C3.1 R3-1 Ippjanar ċentralizzat biex	Objettiv intermedju	Ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar it-	L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji				Q4	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu sal-2030, inkluż permezz ta' trasformazzjoni. Il-ftehimiet għandhom

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv Intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	tiżdied il-provvista tad-djar		twettiq ta' 900 000 abitazzjoni ġdida							jistabbilixxu l-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jinbnew għal kull provinċja u l-għadd ta' daww l-abitazzjonijiet ġodda li għandhom ikunu affordabbli. Is-somma tal-għadd ta' abitazzjonijiet ġodda fil-provinċji għandha tammonta għal minimu ta' 900 000 abitazzjoni, li minnhom mill-inqas 600 000 għandhom ikunu abitazzjonijiet affordabbli.
70	C3.1 R3-2 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Ftehimiet bejn provinċji u municiipalitajiet dwar it-twettiq ta' 900 000 abitazzjoni ġdida	Iffirmar ta' ftehimiet bejn il-provinċji u l-municiipalitajiet				Q2	2023	L-iffirmar ta' ftehimiet bejn provinċji u municiipalitajiet dwar l-għadd speċifiku ta' abitazzjonijiet ġodda li għandhom jitwettqu biex jinkisbu 900 000 abitazzjoni ġdida fil-livell nazzjonali, inkluż permezz ta' trasformazzjoni, sal-2030, li minnhom mill-inqas 600 000 għandhom ikunu affordabbli. Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin: (1) miri għal għadd ta' abitazzjonijiet speċifiċi għall-municiipalità li għandhom jitwettqu, li jindikaw separatament l-għadd ta' abitazzjonijiet affordabbli, (2) dispożizzjoni li tispjega r-riżorsi u l-istrumenti tal-Istat li għandhom jintużaw, u (3) skeda ta' żmien għat-twettiq tal-abitazzjonijiet il-ġodda.
71	C3.1 R3-3 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Imnedija sistema ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet mal-municiipalitajiet	Tnedija ta' sistema ta' monitoraġġ				Q3	2023	Għandha tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet iffirmati bejn il-provinċji u l-municiipalitajiet, jiġifieri biex jiġi mmonitorjat il-progress fit-twettiq ta' abitazzjonijiet ġodda.
72	C3.1 R3-4 Ippjanar ċentralizzat biex	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-azzjonijiet addizzjonali	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tippermetti lill-gvern nazzjonali jintervjeni b'azzjoni amministrattiva jew legali f'każ ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali skont il-

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv Intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objetti v	Trimestr u	Sena	
	tiżdied il- provvista tad- djar		meħuda mill-Istat biex jinforza ftehimiet dwar il- kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet għodda							ftehimiet provinċjali jew reġjonali dwar it-twertiq ta' abitazzjonijiet għodda.
73	C3.1 R4-1 Żieda fid- dipendenza tal- kera fuq id-dħul	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex tiżdied iż-żieda massima annwali fil-kera għal inkwilini bi dħul medju sa għoli li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali	Dispożizzjoni fil- leġiżlazzjoni li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li żżid iż-żieda annwali massima ammissibbli possibbli fil-kera ta' kull xahar fl-akkomodazzjoni soċjali għal EUR 50 għal inkwilini bi dħul medju u EUR 100 għal inkwilini bi dħul għoli mill-1 ta' Jannar 2022. L- inkwilini bi dħul medju għandhom jiġu definiti bħala li għandhom introjtu annwali ta' bejn EUR 47 948 u EUR 56 527 (unitajiet domestiċi b'persuna waħda) jew bejn EUR 55 486 u EUR 75 369 (unitajiet domestiċi b'diversi persuni) (livell tal- prezzijiet tal-2022). L-inkwilini bi dħul għoli għandhom jiġu definiti bħala li għandhom introjti annwali 'l fuq mil-limitu massimu ta' dawn il- marġini.
74	C3.1 R5-1 L- aċċellerazzjoni tal-proċess u tal- proċeduri tal- kostruzzjoni residenzjali	Objettiv intermedju	Ittra lill-Parlament dwar l-ostakli fil- proċess tal-ippjanar li jidentifikaw soluzzjonijiet possibbli ppubblikati	Pubblikazzjoni tal- ittra lill-Parlament				Q4	2022	Pubblikazzjoni ta' ittra lill-Parlament mill-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju li tidentifika azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-ostakli li jdewmu l-proċess tal-ippjanar, il-ħruġ tal-permessi u l- proċeduri legali relatati ma' proġetti ta' bini residenzjali, inkluż permezz ta' emendi leġiżlattivi jekk ikun meħtieġ; u skeda ta' żmien b'passi konkrete għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet.
75	C3.1 R5-2 L- aċċellerazzjoni tal-proċess u tal- proċeduri tal-	Objettiv intermedju	Azzjonijiet biex jitħaffef il-proċess ta' ppjanar għal proġetti ta' akkomodazzjoni	Implimentazzjoni ta' sett sostanzjali ta' azzjonijiet identifikati fl-ittra lill-Parlament				Q1	2024	Sett sostanzjali ta' azzjonijiet identifikati fl-ittra lill- Parlament taħt objettiv intermedju 74 għandhom jitwettqu sabiex jitħaffef il-proċess ta' ppjanar għal proġetti ta' bini residenzjali. Dan għandu jinkludi mill-inqas i) azzjonijiet biex jittejjeb l-għarfien tal- muniċipalitajiet u l-kumpaniji tal-kostruzzjoni dwar

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv Intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	kostruzzjoni residenzjali									il-proċeduri tal-ippjanar, ii) l-istabbiliment ta' tim ta' esperti li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet u lill-korporazzjonijiet tal-akkomodazzjoni biex jitħaffu l-proċeduri meħtieġa għat-twettiq ta' abitazzjonijiet ġodda u iii) l-istabbiliment ta' tim nazzjonali li jista' jgħin lill-muniċipalitajiet jindirizzaw il-konġestjonijiet fil-proċeduri tal-ippjanar, iv) it-tneċċija ta' sistema għall-monitoraġġ tal-progress fl-aċċelerazzjoni tal-proċeduri.
77	C3.1 I1-2 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 1)		Għadd	0	10 000	Q4	2024	Wara li l-appoġġ finanzjarju permezz tal-iskema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet ikun ġie approvat, għandha tibda l-kostruzzjoni ta' 10 000 abitazzjoni addizzjonali.
78	C3.1 I1-3 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 2)		Għadd	10 000	31 000	Q4	2025	Wara li l-appoġġ finanzjarju permezz tal-iskema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet ikun ġie approvat, għandha tibda l-kostruzzjoni ta' 21 000 abitazzjoni addizzjonali.
79	C3.1 I1-4 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 3)		Għadd	31 000	100 000	Q2	2026	Wara li l-appoġġ finanzjarju permezz tal-iskema ta' sussidju lill-muniċipalitajiet ikun ġie approvat, għandha tibda l-kostruzzjoni ta' 69 000 abitazzjoni addizzjonali.
80	C3.1 I1-5 Il-ftuħ ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Objettiv intermedju	Azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima implimentati	Rapport ippubblikat dwar l-azzjonijiet implimentati ta' adattament għat-tibdil fil-klima ffinanzjati taħt l-iskema ta' sussidju				Q2	2026	Għandu jiġi ppubblikat rapport mill-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju. Ir-rapport għandu jipprovi evidenza kwalitattiva li l-azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima li jissodisfaw l-istandards minimi stabbiliti mill-patti rilevanti ġew implimentati f'konformità mal-applikazzjonijiet għal sussidju approvati. Il-patti għandhom ikunu ftehimiet bejn provinċji, muniċipalitajiet u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess ta' kostruzzjoni residenzjali u kummerċjali li fihom il-partijiet ikkonċernati jimpjenjaw ruħhom

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv Intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										għal standards minimi għal kostruzzjoni adattiva għat-tibdil fil-klima fuq art privata u pubblika fir-rigward tal-protezzjoni kontra s-sħana, in-nixfa, l-għargħar pluvjali, tax-xmajjar u tal-kosta kif ukoll fir-rigward tal-inklużività tan-natura.
81	C3.2 I1-1 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni	Dispożizzjoni fir-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q2	2022	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni. L-iskema ta' sussidju għandha tipprowdi sussidji lis-sidien ta' proprjetà immobbli pubblika, bħal bini ta' amministrazzjonijiet lokali jew istituzzjonijiet edukattivi u tas-saħħa, sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini.
82	C3.2 I1-2 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Mira	Is-somma tat-tnaqqis annwali fl-emissjonijiet tas-CO2 (f'Kton) mill-interventi kollha approvati għar-rinnovazzjoni u l-effiċjenza enerġetika ssussidjati skont l-iskema		Kilotunnellati ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO2 fis-sena	0	110	Q1	2025	Ir-rinnovazzjonijiet approvati u l-interventi tal-effiċjenza enerġetika taħt l-iskema ta' sussidju għandhom jammontaw għal tnaqqis ta' CO2 ta' 110 kilotunnellati fis-sena, kif stmat ex ante. L-interventi għandu jkollhom l-objettiv li bħala medja jiksbu tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante.
83	C3.2 I2-1 Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati		Għadd ta' interventi sussidjati	231 985	456 985	Q1	2026	Mill-inqas 225 000 interventi taħt is-sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (bojlers solari, konnessjonijiet termali, iżolazzjoni u pompi tas-sħana, mill-2023 'il quddiem installazzjonijiet tat-tisjir elettriċi) għandhom jiġu ssussidjati. L-interventi għandu jkollhom l-objettiv li jiksbu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.

D. KOMPONENT 4: IT-TISĦIĦ TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PENSJONIJIET U L-EDUKAZZJONI ORJENTATA LEJN IL-FUTUR

L-oġġettiv ta' dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands, li jikkonsisti f'erba' riformi u sitt investimenti, huwa (i) li jħejji s-suq tax-xogħol u s-sistema tal-pensjonijiet għall-isfidi attwali u futuri u (ii) li jiġġieled it-telf tat-tagħlim bħala riżultat tal-pandemija filwaqt li jippromwovi wkoll l-innovazzjoni diġitali fl-edukazzjoni. Il-miżuri inklużi f'dan il-komponent għandhom l-għan li jnaqqsu d-differenzi bejn l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u jindirizzaw l-impjieġ indipendenti fittizju, kif ukoll jinvestu fl-impjegabbiltà sostenibbli tal-forza tax-xogħol permezz ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Barra minn hekk, it-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet huwa ppjanat li jiġi riformat sabiex ikun adattat aħjar għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel filwaqt li jtejjeb ukoll il-ġustizzja interġenerazzjonali, it-trasparenza u r-reżiljenza għax-xokkijiet. Fil-qasam tal-edukazzjoni, huma ppjanati miżuri biex jiġi miġġieled it-telf edukattiv ikkawżat mill-għeluq tal-iskejjel matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-komponent jinkludi wkoll investiment biex titrawwem l-innovazzjoni diġitali fl-edukazzjoni.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi l-Baxxi indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet ikun aktar trasparenti, aktar ġust bejn il-ġenerazzjonijiet u aktar reżiljenti għax-xokkijiet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2022), biex jitnaqqsu l-inċentivi għal dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, filwaqt li tiġi promossa protezzjoni soċjali adegwata għal dawk li jaħdmu għal rashom u jiġi indirizzat l-impjieġ indipendenti fittizju, kif ukoll biex jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impjieġi (u soċjali), u biex jissaħħu l-ħiliet b'mod partikolari ta' dawk fil-marġini tas-suq tax-xogħol u l-inattivi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 2 fl-2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

D.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C4.1 R1: Tnaqqis tat-tnaqqis ta' persuni li jaħdmu għal rashom

L-għan tar-riforma huwa li titnaqqas id-differenza fit-trattament tat-taxxa bejn l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom. L-ammont massimu li persuna li taħdem għal rasha tista' tnaqqas mit-taxxi tagħha għandu jitnaqqas gradwalment fi stadji minn EUR 6 310 fl-2022 għal EUR 3 710 jew inqas fl-2026. L-ammont massimu deduċibbli għandu jilħaq il-livell strutturali tiegħu ta' EUR 1 200 jew inqas fl-2030.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Riforma C4.1 R2: Assigurazzjoni ta' diżabbiltà għal persuni li jaħdmu għal rashom

L-għan tar-riforma huwa li tizzied il-kopertura tal-protezzjoni soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom permezz tal-introduzzjoni ta' assicurazzjoni obligatorja għad-diżabbiltà. Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-iżvilupp u d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi assicurazzjoni obligatorja tad-diżabbiltà. Il-liġi għandha tikkontribwixxi għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni aħjar bejn il-persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom. Il-liġi għandha mill-inqas tiddefinixxi l-grupp ta' persuni assicurati u l-aġenziji eżekuttivi li għandhom jimplimentaw l-assicurazzjoni u

għandha tiddetermina kif għandha tiġi ffinanzjata l-assigurazzjoni. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżitorju raġonevoli għall-applikazzjoni effettiva tal-assigurazzjoni. Ittra tal-Ministru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi lill-Parlament għandha tagħti dettalji dwar l-azzjonijiet meħuda mill-aġenziji eżekuttivi awtorizzati għall-implimentazzjoni tal-assigurazzjoni obbligatorja għad-diżabilità u għandha tiddeskrivi l-passi li jmiss biex tiġi żgurata l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-assigurazzjoni f'konformità mal-liġi li tistabbilixxi l-assigurazzjoni obbligatorja għad-diżabilità għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma C4.1 R3: Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet

Din ir-riforma għandha l-għan li tirriforma t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet tan-Netherlands, bil-għan li ssir aktar trasparenti, ġusta, reżiljenti għax-xokkijiet u aktar adattata għal suq tax-xogħol li qed jinbidel. Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-liġi li tirriforma t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet u deċiżjonijiet vinkolanti (*invaarbetsluiten*), jiġifieri approvati mis-superviżur, dwar it-trasferiment tal-assi tal-pensjoni ta' mill-inqas 66 % tad-detenturi tal-poloż fis-sistema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru għas-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet. Il-liġi għandha tabolixxi r-ridistribuzzjoni sistemika bejn gruppi ta' etajiet differenti (*doorsneesystematiek*), tistabbilixxi rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni indipendenti mill-età b'akkumulazzjoni tal-pensjoni li taqbel mal-kontribuzzjoni u tistabbilixxi r-regoli għal kuntratti tal-pensjoni ġodda bbażati fuq l-akkumulazzjoni tal-pensjoni f'termini ta' kapital.

Il-liġi li tistabbilixxi s-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet għandha tidħol fis-seħħ u tapplika immedjatament għall-kuntratti tal-pensjoni ffirmati wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi. Madankollu, perjodu tranżitorju jista' japplika għal kuntratti ta' pensjoni eżistenti. Il-liġi għandha tipprovdi li, matul dan il-perjodu tranżitorju, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu emendati l-kuntratti tal-pensjoni eżistenti u biex l-assi tal-pensjoni taħt kuntratti tal-pensjoni eżistenti jiġu trasferiti għas-sistema l-ġdida.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma C4.1 R4: L-indirizzar tal-impjiegi indipendenti fittizju

L-għan tar-riforma huwa li jitnaqqas l-impjiegi indipendenti fittizju. Ir-riforma għandha tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- Ittra lill-Parlament li tiddeskrivi l-azzjonijiet ippjanati biex jitnaqqas l-impjiegi indipendenti fittizju. Hija għandha tispeċifika (i) il-passi li għandhom jittieħdu biex jiġi abolit il-moratorju ta' infurzar fuq il-liġi li tidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol (*Wet deregulering beoordeling arbeidsrelaties*), (ii) l-azzjonijiet biex jiġi intensifikat l-infurzar pubbliku ta' dik il-liġi u tiżdied il-kapaċità tal-aġenziji ta' eżekuzzjoni rilevanti, u (iii) azzjonijiet preventivi kontra l-impjiegi indipendenti fittizju;
- il-pubblikazzjoni ta' liġi li timmodifika d-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg. L-għan ġenerali tal-liġi huwa li tiċċara u tnaqqas l-ambigwità fid-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg; kif ukoll
- l-abolizzjoni tal-moratorju tal-infurzar fuq il-liġi li tidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol (*Wet deregulering beoordeling arbeidsrelaties*).

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment C4.1 I1: In-Netherlands qed ikomplu jitgħallmu

L-objettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ il-pożizzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà tal-individwi fis-suq tax-xogħol Netherlandiż sabiex jiġi evitat li dawn jispiċċaw qiegħda jew, jekk ikunu qiegħda, jgħinuhom jerġgħu lura għax-xogħol. L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal tliet skemi temporanji ta' sussidju, kull waħda tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- a) pariri dwar l-iżvilupp professjonali biex jgħinu lin-nies jorjentaw mill-ġdid il-karrieri tagħhom ipprovduti minn konsulenti kwalifiki dwar il-karrieri;
- b) attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim bla ħlas ipprovduti biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet; kif ukoll
- c) appoġġ għall-individwi permezz ta' perkorsi settorjali mfassla apposta f'settur speċifiku. Dawn il-mogħdijiet għandu jkun fihom mill-inqas wieħed mill-elementi li ġejjin: (i) pariri dwar il-karriera (jiġifieri ffukati fuq l-impjieg, il-ħiliet u l-perkors tal-karriera attwali), (ii) gwida għall-karriera (jiġifieri ffukata fuq bidliet fil-karriera u/jew ħiliet u impjiegi ġodda), (iii) taħriġ fil-ħiliet, jew (iv) rikonnoxximent tal-kompetenzi miksuba.

Għandha titwettaq evalwazzjoni indipendenti dwar l-effetti soċjoekonomiċi tal-iskemi ta' sussidju taħt "In-Netherlands tkompli titgħallem" u, b'riżultat ta' dan, għandu jiġi ppubblikat rapport ta' evalwazzjoni tal-politika. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi informazzjoni dwar il-modi possibbli biex jittejjb l-proċessi ta' politika li fuqhom huma bbażati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' sussidju. Fir-rapport ta' evalwazzjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt tal-iskemi ta' sussidju fuq gruppi vulnerabbli, inklużi dawk b'livell ta' edukazzjoni ta' edukazzjoni vokazzjonali jew inqas. Barra minn hekk, ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni ta' politika dwar l-effett soċjoekonomiku u fit-tul tal-iskemi ta' sussidju. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat online.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

[Investiment C4.1 I2: Timijiet ta' Mobilità Reġjonali (Regional Mobility Teams, RMTs) IMĦASSAR]

Investiment C4.1 I3: Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda

L-objettiv ta' dan l-investiment ("Scholingsbudget WW" jew it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-persuni qiegħda) huwa li jżid l-impjieg mill-ġdid ta' persuni li jirċievu benefiċċji tal-qgħad temporanji u li għandhom pożizzjoni dgħajfa fis-suq tax-xogħol ikkonfermata jew billi għandhom punteġġ baxx fil-kwestjonarju mill-bogħod għas-suq tax-xogħol (Werkverkenner) jew li ntgħażlu minn konsulent tal-UWV (l-Aġenzija tal-Assigurazzjoni tal-Impjegati tan-Netherlands) bħala li għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ. Għandu jiġi pprovdut finanzjament lill-UWV biex jiffinanzja programmi ta' taħriġ biex jassistu persuni f'dan il-grupp fil-mira fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. L-investiment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal mill-inqas 8 000 programm ta' taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' persuni minn dan il-grupp fil-mira biex jiġi ffaċilitat l-impjieg tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C4.2 I1: Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI

L-objettiv ġenerali ta' dan l-investiment li jtejjeb l-edukazzjoni billi jiddiskuti u jipproponi soluzzjonijiet skalabbli tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għall-proċess ta' tagħlim fl-edukazzjoni

primarja u/jew sekondarja. L-għażla tal-proġetti għandha ssir mill-Bord ta' Tmexxija għal-Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI.

L-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- a) mill-inqas 20 proġett biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni primarja u/jew sekondarja permezz tal-innovazzjoni diġitali, li għandhom jintgħażlu mill-Bord ta' Tmexxija tal-Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI;
- b) fost il-proġetti magħżula, it-tlestija ta' mill-inqas 10 proġett għandha tikkontribwixxi għal mill-inqas wieħed mill-oġġettivi li ġejjin: (i) it-tisħiħ tal-edukazzjoni mfassla apposta; (ii) il-forniment ta' prodotti u/jew servizzi edukattivi li għandhom il-potenzjal li jżidu l-motivazzjoni tal-istudenti; (iii) iż-żieda fl-għarfien jew il-kompetenza tal-għalliema jew tal-istudenti jew; (iv) iż-żieda fil-ħin disponibbli għall-għalliema biex jappoġġjaw lill-istudenti; kif ukoll
- c) il-proġetti magħżula għandhom jirriżultaw f'mill-inqas żewġ prodotti li jippromwovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi li jkunu laħqu l-Livell ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) 6 (il-fażi finali tat-TRL qabel il-fażi tas-suq).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C4.2 I2: Appoġġ għal parteċipanti ġodda biex jiġi evitat it-telf tat-tagħlim

L-għan ta' dan l-investment huwa li jipprevjeni t-telf ta' apprendiment għal parteċipanti ġodda, definiti bħala studenti bi sfond ta' migrazzjoni li ilhom fin-Netherlands għal inqas minn sentejn, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, bħal dawk li jirriżultaw mill-għeluq tal-iskejjel. L-iskejjel primarji u sekondarji li joffru programmi edukattivi għal parteċipanti ġodda għandhom jirċievu finanzjament addizzjonali li jippermettilhom jipprovdu appoġġ addizzjonali lil studenti bi sfond ta' migrazzjoni li ilhom jgħixu fin-Netherlands għal inqas minn sentejn.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment C4.2 I3: Appoġġ għall-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja

L-għan ta' dan l-investment huwa li jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja tagħhom biex itaffu t-telf ta' apprendiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, bħal dawk li jirriżultaw mill-għeluq tal-iskejjel. L-investment għandu jikkonsisti fit-tnedija ta' pjattaforma online mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza b'materjali ta' tagħlim biex jappoġġaw lill-istudenti bl-eżami finali tagħhom fl-iskola sekondarja u finanzjament addizzjonali għall-bordijiet tal-iskejjel fl-edukazzjoni sekondarja li jippermetti lill-iskejjel jipprovdu appoġġ addizzjonali lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja. Il-bordijiet tal-iskejjel bi studenti żvantaġġati għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju addizzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment C4.2 I4: Laptops u tablets għal edukazzjoni online u ibrida biex jiġi miġġieled u mmitigat it-telf tat-tagħlim

L-investment għandu l-għan li jappoġġa lill-iskejjel biex jorganizzaw edukazzjoni ibrida u online biex jiġġieldu u jtaffu t-telf tal-apprendiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, bħal dak li jirriżulta mill-għeluq tal-iskejjel. L-investimenti għandhom jikkonsistu fil-forniment ta' 75 000 apparat (laptops u tablets) lil skejjel magħżula sabiex tiġi ffaċilitata l-edukazzjoni online u ibrida għall-istudenti fl-edukazzjoni primarja, fl-edukazzjoni sekondarja u fl-edukazzjoni sekondarja vokazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

D.2 Obiettivi intermedi, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Obiettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull obiettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Obiettiv	Trimestru	Sena	
84	C4.1 R1-1 Tnaqqis tat-tnaqqis ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Obiettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tnaqqas it-tnaqqis tat-taxxa għall-persuni li jaħdmu għal rashom	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar it-tnaqqis tat-tnaqqis tat-taxxa annwali għall-persuni li jaħdmu għal rashom minn EUR 6 310 fl-2022 għal EUR 5 660 jew inqas fl-2023, EUR 5 010 jew inqas fl-2024, EUR 4 360 jew inqas fl-2025 u EUR 3 710 jew inqas fl-2026. Il-liġi tnaqqas id-differenza fit-trattament fiskali bejn l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom.
85	C4.1 R2-1 Assigurazzjoni ta' diżabbiltà għal persuni li jaħdmu għal rashom	Obiettiv intermedju	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-liġi li tistabbilixxi assigurazzjoni obbligatorja tad-diżabbiltà għall-persuni li jaħdmu għal rashom	Pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali				Q1	2025	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-liġi li tistabbilixxi assigurazzjoni obbligatorja tad-diżabbiltà għall-persuni li jaħdmu għal rashom Il-liġi għandha tikkontribwixxi għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni aħjar bejn il-persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom. Il-liġi għandha tiddefinixxi l-grupp ta' persuni assigurati u l-aġenziji eżekuttivi biex jimplimentaw l-assigurazzjoni u għandha tiddetermina kif l-assigurazzjoni għandha tiġi ffinanzjata. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżitorju raġonevoli għall-applikazzjoni effettiva tal-assigurazzjoni. L-istruzzjonijiet ta' implimentazzjoni li jeħtieġu li l-aġenziji eżekuttivi kkonċernati jippreparaw għall-introduzzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja għal persuni li jaħdmu għal rashom għandhom jinħarġu mill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjegi u japplikaw mal-pubblikazzjoni tal-liġi.
86	C4.1 R2-2	Obiettiv intermedju	Ittra lill-Parlament dwar l-istatus tal-implimentazzjoni	Ittra lill-Parlament				Q1	2026	Ittra tal-Ministru għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjegi lill-Parlament għandha tagħti dettalji dwar l-azzjonijiet meħuda mill-aġenziji eżekuttivi

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	Assigurazzjoni ta' diżabbiltà għal persuni li jaħdmu għal rashom		tal-assigurazzjoni obbligatorja tad-diżabbiltà							awtorizzati għall-implimentazzjoni tal-assigurazzjoni obbligatorja għad-diżabbiltà u għandha tiddekrivi l-passi li jmiss biex tiġi żgurata l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-assigurazzjoni f'konformità mal-liġi li tistabbilixxi l-assigurazzjoni obbligatorja għad-diżabbiltà għal-persuni li jaħdmu għal rashom.
87	C4.1 R3-1 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirriforma t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2023	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirriforma t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet Il-liġi għandha tabolixxi r-ridistribuzzjoni sistemika bejn gruppi ta' etajiet differenti (<i>doorsneesystematiek</i>), tistabbilixxi rata ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni indipendenti mill-età b'akkumulazzjoni ta' drittijiet tal-pensjoni li taqbel mal-kontribuzzjoni u tistabbilixxi r-regoli għal kuntratti tal-pensjoni ġodda bbażati fuq l-akkumulazzjoni tal-pensjoni f'termini ta' kapital. Il-liġi għandha tapplika immedjatament għall-kuntratti tal-pensjoni ffirmati wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi. Il-liġi tista' tipprevedi perjodu tranżitorju raġonevoli għal kuntratti ta' pensjoni eżistenti. Il-kuntratti tal-pensjoni b'rata ta' kontribuzzjoni progressiva jistgħu jiġu eżentati mil-liġi l-ġdida.
88	C4.1 R3-2 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Objettiv intermedju	Pjanijiet għat-tranżizzjoni lejn sistema ġdida tal-pensjonijiet iffinalizzati u ppubblikati	Pubblikazzjoni tal-pjanijiet ta' tranżizzjoni fuq is-siti web tal-fondi tal-pensjonijiet				Q1	2025	Il-fondi tal-pensjonijiet għandhom jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni finalizzati għal kuntratti tal-pensjoni taħt il-ġestjoni tagħhom fuq is-siti web tagħhom. Dawn il-pjanijiet għandhom jispeċifikaw il-ftehim bejn ir-rappreżentanti ta' min iħaddem u l-impjegati (jiġifieri l-imsieħba soċjali) dwar it-termini tal-kuntratti tal-pensjoni l-ġodda u t-tranżizzjoni tal-assi tal-pensjoni għas-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet.
89	C4.1 R3-3	Objettiv intermedju	Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-fondi tal-	Preżentazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni				Q1	2026	Il-fondi tal-pensjonijiet għandhom ifasslu pjanijiet ta' implimentazzjoni għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni msemmija fl-objettiv intermedju 88. Dawn il-

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet		pensjonijiet iffinalizzati u ppubblikati	lill-Kontrollur u pubblikazzjoni fuq is-siti web tal-fondi tal-pensjonijiet						pjanijiet ta' implimentazzjoni għandhom jiddeskrivu kif il-kuntratti tal-pensjoni l-ġodda msemija fl-objettiv 88 għandhom jiġu eżegwiti u kif għandha tiġi implimentata t-tranżizzjoni għas-sistema l-għdida tal-pensjonijiet. Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lis-superviżur tal-fondi tal-pensjonijiet u ppubblikati fuq il-websajts tal-fondi tal-pensjonijiet.
89a	C4.1 R3-3 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Mira	Deċiżjonijiet approvati dwar it-trasferiment tal-assi tal-pensjoni tad-detenturi tal-poloż għas-sistema l-għdida tal-pensjonijiet		Perċentwal ta' titolari ta' poloż	0	66 %	Q2	2026	Il-fondi tal-pensjonijiet għandhom jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti (<i>invaarbesluten</i>), jiġifieri approvati mis-superviżur, dwar it-trasferiment għas-sistema l-għdida tal-pensjonijiet tal-assi tal-pensjoni ta' mill-anqas 66 % tad-detenturi tal-poloż fis-sistema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jispeċifikaw data ta' trasferiment li ma tkunx aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027.
90	C4.1 R4-1 L-indirizzar tal-impjeg indipendenti fittizju	Objettiv intermedju	Pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas l-impjeg indipendenti fittizju ppreżentat lill-Parlament	Ittra lill-Parlament li tagħti dettalji dwar il-pjan ta' azzjoni				Q4	2022	Il-Gvern Netherlandiż għandu jibgħat lill-Parlament ittra li għandha tagħti dettalji dwar l-azzjonijiet ippjanati biex jitnaqqas l-impjeg indipendenti fittizju. Hija għandha tiddeskrivi (a) il-passi li għandhom jittieħdu biex jiġi abolit il-moratorju fuq l-infurzar tal-liġi li tidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet ta' impjeg, (b) l-azzjonijiet biex jiġi intensifikat l-infurzar pubbliku ta' dik il-liġi u tiżdied il-kapaċità tal-aġenziji ta' eżekuzzjoni rilevanti, u (c) l-azzjonijiet preventivi kontra l-impjeg indipendenti fittizju.
91	C4.1 R4-2 L-indirizzar tal-impjeg	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' liġi li timmodifika d-definizzjoni ta'	Pubblikazzjoni tal-liġi fil-Ġurnal Uffiċjali				Q1	2025	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-liġi li timmodifika d-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjeg. Il-liġi għandha tidħol fis-seħħ u ssir

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objetti v	Trimestru	Sena	
	indipendenti fittizju		relazzjoni ta' impjeg							applikabbli bis-sħiħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2026.
92	C4.1 R4-3 L-indirizzar tal-impjeg indipendenti fittizju	Objettiv intermedju	Il-moratorju fuq l-infurzar tal-liġi li jidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet ta' impjeg abolit	Ittra lill-Parlament li tabolixxi l-moratorju ta' infurzar				Q1	2025	Il-moratorju fuq l-infurzar tal-liġi li tidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet ta' impjeg (<i>Wet Deregulerend beoordening arbeidsrelaties</i>) għandu jiġi abolit.
93	C4.1 I1-1 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Pariri dwar il-karriera biex jiġu appoġġati l-individwi		Għadd ta' individwi li jirċievu pariri dwar il-karriera	0	68 705	Q3	2020	68 705 individwu għandhom jirċievu pariri professjonali dwar l-iżvilupp biex jorjentaw mill-ġdid il-karrieri tagħhom ipprovduti minn konsulenti dwar il-karrieri kwalifikati.
94	C4.1 I1-2 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Taħriġ tal-ħiliet biex jiġu appoġġati l-individwi		Għadd ta' individwi li jirċievu taħriġ fil-ħiliet	0	119 000	Q4	2022	119 000 l-individwi għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim b'xejn biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet.
95	C4.1 I1-3 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Perkorsi settorjali mfassla apposta biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn l-impjegi		Għadd ta' mogħdijiet imfassla apposta maħluqa	0	21	Q2	2023	21 għandhom jinħolqu rotot settorjali mfassla apposta. Dawn il-mogħdijiet għandu jkun fihom mill-inqas wieħed mill-elementi li ġejjin: pariri dwar il-karrieri (jiġifieri ffukati fuq l-impjeg, il-ħiliet u l-perkors tal-karriera attwali), gwida għall-karriera (jiġifieri ffukata fuq bidliet fil-karriera u/jew ħiliet u impjegi ġodda), taħriġ fil-ħiliet u rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba.
96	C4.1 I1-4 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Objettiv intermedju	Evalwazzjoni indipendenti tal-impatt soċjoekonomiku tal-iskemi ta' sussidju taħt "In-Netherlands ikomplu jitgħallmu"	Evalwazzjoni indipendenti kkompletata u rapport ippubblikat				Q4	2024	Għandha titwettaq evalwazzjoni indipendenti dwar l-effetti soċjoekonomiċi ta' l-iskemi ta' sussidju taħt "In-Netherlands ikomplu jitgħallmu". Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi informazzjoni dwar il-modi possibbli biex jittejb u l-proċessi ta' politika li fuqhom huma bbażati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskemi. Fir-rapport ta' evalwazzjoni, għandha tingħata attenzjoni

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedj u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										partikolari lill-impatt tal-iskemi ta' sussidju fuq gruppi vulnerabbli, inklużi daww b'livell ta' edukazzjoni ta' edukazzjoni vokazzjonali jew inqas. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni ta' politika dwar l-effett soċjoekonomiku u fit-tul tal-iskemi ta' sussidju. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat online.
97 a	C4.1 I3-1 Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar il-baġit	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi għal qafas finanzjarju				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi baġitarja li jipprevedi qafas finanzjarju li permezz tiegħu għandu jkun hemm baġit strutturali għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' persuni li jirċievu benefiċċji temporanji tal-qgħad u li għandhom pożizzjoni dgħajfa fis-suq tax-xogħol.
98 a	C4.1 I3-2 Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda	Mira	Finanzjament ta' programmi ta' taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' persuni qiegħda		Għadd ta' programmi ta' taħriġ	0	8000	Q2	2026	Mill-inqas 8000 programm ta' taħriġ għandhom jiġu ffinanzjati fil-perjodu 2023–2025 għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għal persuni li jirċievu benefiċċji tal-qgħad temporanji u li għandhom pożizzjoni dgħajfa fis-suq tax-xogħol.
101	C4.2 I1-1 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Proġetti magħżula biex jippromwovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi		Għadd ta' proġetti	0	20	Q2	2024	Mill-anqas, 20 proġett biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni primarja u/jew sekondarja permezz tal-innovazzjoni diġitali, li għandhom jintgħażlu mill-Bord ta' Tmexxija tal-Bord Nazzjonali tal-Edukazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.
102	C4.2 I1-2 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Proġetti li jippromwovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi lesti		Għadd ta' proġetti	0	10	Q4	2025	Fost il-proġetti magħżula, għandhom jitlestew mill-inqas 10 proġetti li jkunu kkontribwew għal mill-inqas wieħed mill-objettivi li ġejjin: (i) it-tisħiħ tal-edukazzjoni mfassla apposta; (ii) il-forniment ta' prodotti u/jew servizzi edukattivi li għandhom il-

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objetti v	Trimestru	Sena	
										potenzjal li jżidu l-motivazzjoni tal-istudenti; (iii) iż-żieda fl-għarfien jew il-kompetenza tal-għalliema jew tal-istudenti; (iv) iż-żieda fil-ħin disponibbli għall-għalliema biex jappoġġjaw lill-istudenti.
103	C4.2 I1-3 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Konsenja ta' żewġ prodotti b'Livell ta' Tħejjija Teknoloġika 6		Numru ta' prodotti	0	2	Q4	2025	Il-proġetti magħżula għandhom jirriżultaw f'mill-inqas żewġ prodotti li jipprovmovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi li jkunu laħqu l-Livell ta' Tħejjija Teknoloġika 6.
104	C4.2 I2-1 Appoġġ għal parteċipanti ġodda biex jiġi evitat it-telf tat-tagħlim	Mira	Appoġġ lill-iskejjel primarji u sekondarji biex jipprovdu aktar appoġġ lil parteċipanti ġodda		Għadd ta' skejjel primarji u sekondarji li jirċievu finanzjament	0	2 198	Q4	2023	Mill-inqas 1 800 skola primarja u 398 skola sekondarja għandhom jirċievu finanzjament li jippermettilhom jipprovdu appoġġ addizzjonali lil parteċipanti ġodda bl-għan li jiġi evitat it-telf ta' apprendiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
105	C4.2 I3-1 Appoġġ għall-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja	Objettiv intermedju	Tnedija ta' pjattaforma online biex tappoġġa lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja	Tnedija ta' pjattaforma online				Q4	2021	Għandha titnieda pjattaforma online mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza biex tappoġġa lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja bl-eżami finali tagħhom. Il-pjattaforma għandu jkun fiha webinars, assenjazzjonijiet u filmati ta' struzzjoni dwar suġġetti ta' eżami.
106	C4.2 I3-2 Appoġġ għall-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja	Mira	Appoġġ għall-bordijiet tal-iskejjel biex jipprovdu appoġġ addizzjonali lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja		L-għadd ta' bordijiet tal-iskejjel li jirċievu finanzjament	0	300	Q4	2022	Mill-inqas 300 bordijiet tal-iskola għandhom jirċievu finanzjament li jippermettilhom jappoġġaw lill-istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja bil-għan li jittaffa t-telf tat-tagħlim minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-bordijiet tal-iskejjel bi studenti żvantaġġati għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju addizzjonali.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedj u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
107	C4.2 I4-1 Laptops u tablets għal edukazzjoni online u ibrida biex jiġi miġġieled u mmitigat it-telf tat-tagħlim	Mira	Għadd ta' apparati diġitali pprovduti		Għadd ta' apparati diġitali	0	75 000	Q4	2021	75 000 għandu jiġi pprovdut apparat diġitali lill-iskejjel biex jappoġġa l-edukazzjoni online u ibrida għall-istudenti fl-edukazzjoni primarja, fl-edukazzjoni sekondarja u fl-edukazzjoni vokazzjonali (MBO).

E. KOMPONENT 5: IT-TISĦIĦ TAL-KURA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA U T-TĦEJJIJA GĦALL-PANDEMIJI

Dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq it-tisħiħ tas-settur tas-saħħa pubblika u t-tħejjija għall-pandemiji tas-sistema tal-kura tas-saħħa tan-Netherlands. Dan jinkludi erba' investimenti biex jitnaqqas in-nuqqas ta' riżorsi umani fis-settur tal-kura tas-saħħa fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa u biex tiżdied il-kapaċità tal-kura intensiva. Barra minn hekk, il-miżuri inklużi fil-komponent għandhom l-għan li jippermettu kura tas-saħħa remota permezz tal-użu ta' servizzi elettroniċi u li jsaħħu l-iskambji tad-data bejn l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.

Il-komponent għandu l-għan li jikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għan-Netherlands indirizzati lin-Netherlands, b'mod partikolari biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, inkluż billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa fi żminijiet ta' kriżi tas-saħħa u jiżdied l-użu ta' għodod tas-saħħa elettronika rilevanti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 1 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

E.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment C5.1 I1: Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li tiġi żgurata kapaċità adegwata ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi. L-investment għandu l-għan li jipprovdi edukazzjoni u "təhrig fuq il-post tax-xogħol" għall-persuni fl-ewwel sena tal-edukazzjoni professjonali medja u għolja dwar il-kura tas-saħħa ("mbo" u "hbo") u li joħloq riżerva nazzjonali għall-kura tas-saħħa ta' ex professjonisti tal-kura tas-saħħa li minnha l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa jistgħu jirreklutaw persunal addizzjonali fi żminijiet ta' kriżi.

L-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- edukazzjoni vokazzjonali u "təhrig fuq il-post tax-xogħol" fis-settur tal-kura tas-saħħa;
- kampanji ta' komunikazzjoni, təhrig u tqabbil ta' ex professjonisti tal-kura tas-saħħa ma' organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, li għandhom iwasslu għall-istabbiliment ta' riżerva ta' 2 500 ex professjonist tal-kura tas-saħħa li jistgħu jiġu reklutati mill-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa fi żminijiet ta' bżonn, bħal matul kriżi tas-saħħa futura.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C5.1 I2: Estensjoni tal-Kura Intensiva

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li tiżdied il-kapaċità tal-isptarijiet biex jieħdu ħsieb il-pazjenti b'mod partikolari bil-COVID-19. L-investment għandu l-għan li jtejjeb kemm ir-riżorsi umani kif ukoll l-infrastruttura fl-isptarijiet biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-pazjenti tal-COVID-19, matul il-kriżi tal-COVID-19 u wara. L-isptarijiet jistgħu jżommu jew ineħħu l-faċilitajiet (l-aktar rinnovamenti fl-isptarijiet immirati lejn l-espansjoni tal-unitajiet tal-kura intensiva) li żiedu l-kapaċità tal-unitajiet tal-kura intensiva matul il-pandemija tal-COVID-19 wara l-iskadenza tal-iskema ta' sussidju. Il-persunal imħarreġ jista' jiġi skjerat regolarment jew reklutat b'mod permanenti mill-isptarijiet bl-għan li jgħin biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħaddiema f'dan is-settur.

L-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- a) 54 sptar biex jadattaw il-faċilitajiet biex jiżdied l-għadd ta' sodod tal-kura intensiva fissi u flessibbli; kif ukoll
- b) 67 sptar biex iħarrġu u jeducaw lill-persunal tagħhom biex iżidu l-kapaċità tal-unitajiet tal-kura intensiva u klinika.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investment C5.1 I3: SET COVID-19

L-għan ta' dan l-investment (Stimulazzjoni tas-saħħa elettronika fid-dar – *Stimulering E-health Thuis, SET*) huwa li jappoġġja l-kura għall-persuni li jgħixu d-dar, b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni b'saħħa vulnerabbli. Għandhom jiġu pprovduti kura u appoġġ addizzjonali meħtieġa għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni vulnerabbli permezz ta' soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika matul il-pandemija tal-COVID-19.

L-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta' għotjiet għall-użu ta' applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika differenti (kura tas-saħħa online permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, dijanjożi permezz ta' applikazzjoni u dispensers tal-mediċini) minn fornituri tal-kura fil-kura medika ġenerali, infermiera distrettwali, kura tas-saħħa mentali u fornituri tal-assistenza soċjali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investment C5.1 I4: Infrastruttura ta' Riċerka dwar is-Saħħa (HRI)

L-għan ta' dan l-investment huwa li jstimula l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja u fis-settur tal-kura tas-saħħa billi jistandardizza u jgħaqqad id-data fost il-konsorzju tal-Infrastrutturi tar-Riċerka tas-Saħħa (Health RI). L-investment għandu l-għan li jiżviluppa infrastruttura nazzjonali integrata tad-data dwar is-saħħa, ineħħi l-ostakli soċjali u organizzattivi permezz ta' ftehim bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, u johlq punt ċentrali għall-ħruġ tad-data.

L-investment għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal:

- a) l-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni ta' sistema ta' appoġġ għar-riċerkaturi magħmula minn uffiċċju ta' servizz fil-livell reġjonali u uffiċċju ta' servizz ċentrali fil-livell nazzjonali;
- b) l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali għall-użu sekondarju tad-data dwar is-saħħa, li għandu jispeċifika l-passi li għandhom jittieħdu miċ-ċentri mediċi universitarji biex jiġi żgurat li d-data dwar is-saħħa tagħhom tkun tista' tiġi lokalizzata, aċċessata, skambjata u użata mill-ġdid; kif ukoll
- c) l-operazzjonalizzazzjoni tal-ewwel verżjoni tal-portal tad-data għal-lokalizzazzjoni u l-aċċess għad-data dwar is-saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

E.2 Obiettivi intermedi, miri, indicatori, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Obiettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija Deskrizzjoni ta' kull obiettiv intermedju u mira		Deskrizzjoni ta' kull obiettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
108 a	C5.1 I1-1 Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi	Obiettiv intermedju	Qafas finanzjarju li jippermetti t-taħriġ fis-settur tal-kura tas-saħħa	Adozzjoni ta' qafas finanzjarju, li jintegra strutturalment it-taħriġ fil-kura tas-saħħa fi programm tas-suq tax-xogħol għas-settur				Q4	2024	Adozzjoni ta' qafas finanzjarju, li jintegra strutturalment it-taħriġ fil-kura tas-saħħa fi programm tas-suq tax-xogħol għas-settur (il-programm "TAŻ" Kura tas-Suq tax-Xogħol u l-Benesseri)
109 a	C5.1 I1-2 Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi	Mira	L-għadd ta' persuni li jipparteċipaw fil-programm ta' edukazzjoni vokazzjonali u "taħriġ fuq il-post tax-xogħol"		Għadd ta' persuni	0	8325	Q4	2025	Mill-inqas 8325 persuna għandhom ikunu pparteċipaw fil-programm tal-edukazzjoni vokazzjonali u "taħriġ fuq il-post tax-xogħol" tal-ewwel sena tal-edukazzjoni professjonali medja u għolja tal-kura tas-saħħa fis-sena akkademika 2023/2024 ("mbo" u "hbo").
110	C5.1 I1-3 Kapaċità temporanja addizzjonali ta'	Mira	Tinħoloq Riżerva Nazzjonali ta' Riżerva		Numru ta' riżerva ex-professjonisti	0	2 500	Q4	2024	Permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni u taħriġ u tlaqqigħ ta' dawk li kienu professjonisti tal-kura tas-saħħa mal-organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa, għandha tinħoloq riżerva ta' mill-inqas 2 500 ex professjonist tal-kura tas-saħħa, li minnha l-istituzzjonijiet tal-kura tas-

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi		għall-Kura tas-Saħħa		tal-kura tas-saħħa					saħħa jistgħu jirreklutaw għajnuna temporanja fi żminijiet ta' bżonn, bħal matul kriżi tas-saħħa futura.
111	C5.1 I2-1 Estensjoni tal-Kura Intensiva	Mira	Għadd ta' sptarijiet li lestew l-adattamenti tal-faċilitajiet għal sodod fissi u sodod flessibbli eżistenti		Għadd ta' sptarijiet	0	54	Q4	2023	Mill-inqas 54 sptar għandhom jadattaw il-faċilitajiet tagħhom sabiex iżidu l-għadd ta' sodod tal-kura intensiva fissi u flessibbli.
112	C5.1 I2-2 Estensjoni tal-Kura Intensiva	Mira	Taħriġ tal-persunal tal-isptar		Għadd ta' sptarijiet	0	67	Q4	2023	Mill-inqas 67 sptar għandhom iħarrġu u jedukaw lill-persunal tagħhom biex iżidu l-kapaċità tal-unitajiet tal-kura intensiva u klinika.
113	C5.1 I3-1 SET COVID-19	Mira	Għadd ta' għotjiet mogħtija		Għadd	0	1 000	Q4	2022	Għandhom jingħataw mill-inqas 1 000 għotja lill-fornituri tal-kura għall-użu ta' applikazzjonijiet differenti tas-saħħa elettronika (bħall-kura tas-saħħa online permezz ta' konnessjoni bil-vidjo, dijanjożi permezz ta' applikazzjoni u dispensers tal-mediċina) fil-kura medika ġenerali, l-infermerija distrettwali, il-kura komunitarja, il-kura mentali u l-assistenza soċjali.
114	C5.1 I4-1 Infrastruttura ta' Riċerka dwar is-Saħħa (HRI)	Objettiv intermedju	Sistema ta' appoġġ għar-riċerkaturi operazzjonal	L-uffiċċji ta' servizz reġjonali u nazzjonali huma operattivi				Q4	2022	Sistema ta' appoġġ għar-riċerkaturi magħmula minn uffiċċju ta' servizz fil-livell reġjonali u uffiċċju ta' servizz ċentrali fil-livell nazzjonali għandha tiġi żviluppata u tkun operattiva.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			i – Service desks							
115	C5.1 I4-2 Infrastruttura ta' Riċerka dwar is-Saħħa (HRI)	Objettiv intermedju	Pjan direzzjonali adottat dwar data ġusta (li tiżgura li d-data tista' tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u li tista' terġa' jintuża)	Ġie adottat pjan direzzjonali għall-ħolqien tad-data FAIR				Q4	2023	Il-konsorzju tal-Infrastruttura tar-Riċerka tas-Saħħa għandu jiżviluppa pjan direzzjonali għall-użu sekondarju tad-data dwar is-saħħa li jista' jinstab, aċċessibbli, interoperabbli u li jista' jerġa' jintuża (FAIR) u jiġi adottat miċ-ċentri mediċi universitarji (UMC). Il-pjan direzzjonali għandu jispeċifika l-passi li għandu jieħu l-UMC biex jiżgura li d-data dwar is-saħħa tiegħu tkun tista' tiġi lokalizzata, aċċessata, skambjata u użata mill-ġdid.
116	C5.1 I4-3 Infrastruttura ta' Riċerka dwar is-Saħħa (HRI)	Objettiv intermedju	Portal ta' data operazzjonali	Il-portal tad-data għall-lokalizzazzjoni u l-aċċess għad-data tar-riċerka huwa operazzjonali				Q4	2023	L-ewwel verżjoni tal-portal tad-data għall-lokalizzazzjoni u l-aċċess għad-data dwar is-saħħa għandha tkun operazzjonali, li għandha tfisser li ċ-ċentri mediċi universitarji (UMC) ikunu saru konnessi mal-infrastruttura nazzjonali tad-data.

F. KOMPONENT 6: L-INDIRIZZAR TAL-IPPJANAR AGGRESSIV TAT-TAXXA U L-ĦASIL TAL-FLUS

L-objettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Netherlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jindirizza b'mod aktar effettiv l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-ħasil tal-flus fin-Netherlands. Il-komponent jikkonsisti f'ħames riformi li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u riforma waħda li tindirizza l-ħasil tal-flus.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-evitar tat-taxxa billi (i) jimponi taxxa minn ras il-għajn kondizzjonali fuq l-imgħax, ir-royalties u d-dividendi mħallsa lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa u f'sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu abbuż tat-taxxa skont ir-regolamenti Netherlandiżi kontra l-abbuż, (ii) jintroduċi liġi dwar il-ġlieda kontra d-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament, (iii) jipprevjeni eżenzjoni mit-taxxa permezz ta' limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal-imgħax, (iv) jillimita l-arranġamenti ta' likwidazzjoni u waqfien, u (v) jillimita l-eżenzjoni għat-telf. In-Netherlands qed jippjanaw ukoll li jimmonitorjaw l-iżviluppi fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa.

L-isfidi tal-ħasil tal-flus huma indirizzati minn strateġija li għandha l-għan li (i) iżżid il-kapaċità tal-persunal tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) b' 20 ekwivalenti full-time u (ii) tintroduċi limitu fuq il-pagamenti fi flus kontanti. B'dan il-mod, il-komponent għandu l-għan li jżid l-ostakli għall-kriminali biex jaħslu l-flus u jsaħħaħ il-kapaċità ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u 4 fl-2020) u dwar il-ħasil tal-flus (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

F.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C6.1 R1: Il-politika tat-taxxa Netherlandiża

L-objettiv tar-riforma huwa li tillimita l-opportunitajiet għal ippjanar aggressiv tat-taxxa u li tnaqqas il-fondi li jirriżultaw min-Netherlands għal ġurisdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa. It-taxxa minn ras il-għajn fuq id-dividendi, l-imgħax u r-royalties għandha l-għan li tippermetti lin-Netherlands jintaxxaw tali pagamenti lil pajjiżi li jimponu f'tit taxxa jew l-ebda taxxa.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' taxxa minn ras il-għajn fuq l-imgħax u r-royalties u fuq id-dividendi mħallsa lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa u f'sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu abbuż tat-taxxa skont ir-regolamenti Netherlandiżi kontra l-abbuż. Għandu jinkludi wkoll rapport ta' monitoraġġ dwar l-effetti tal-politiki kontra l-evitar tat-taxxa taħt dan il-komponent.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C6.1 R2: L-indirizzar tad-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tindirizza d-diskrepanzi li jirriżultaw minn applikazzjoni jew interpretazzjoni differenti tal-prinċipju ta' distakkament f'tassazzjoni korporattiva. B'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet internazzjonali, tali diskrepanzi jistgħu jirriżultaw f'proporzjon tal-profitti ta' kumpanija multinazzjonali li ma jiġux inklużi f'taxxa imposta fuq il-profitt. L-għan tar-riforma huwa li jiġi newtralizzat l-ipprezzar tat-trasferiment jew il-qliġ u t-telf miżmum sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja u biex is-sistema tat-tassazzjoni Netherlandiża ssir aktar trasparenti internazzjonalment.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' liġi li tindirizza d-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma C6.1 R3: Emenda tal-limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal-imgħax biex jiġu evitati eżenzjonijiet mit-taxxa fuq imgħaxijiet negattivi u riżultati pożittivi tal-munita

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġi evitat li l-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-imgħax kontra l-abbuż mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv (l-Artikolu 10a) twassal għal eżenzjonijiet mit-taxxa mhux dovuti.

Ir-riforma għandha tikkonsisti mid-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal-imgħax meta din twassal għal eżenzjoni mit-taxxi fuq l-imgħax negattiv u r-riżultati pożittivi tal-munita.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2021.

Riforma C6.1 R4: Limitazzjoni tat-tnaqqis tat-telf ta' likwidazzjoni u ta' waqfien

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tillimita t-tnaqqis tat-telf finali ta' entità (telf ta' likwidazzjoni) u t-telf finali ta' stabbiliment permanenti (telf ta' waqfien) fit-taxxa korporattiva.

Din ir-riforma għandha temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex tillimita t-tnaqqis tat-telf mil-likwidazzjoni u mill-waqfien billi tintroduċi tliet kundizzjonijiet meħtieġa biex dan it-telf ikun deduċibbli mit-taxxa:

- a) kundizzjoni temporali: it-telf mil-likwidazzjoni jew mill-waqfien għandu jkun deduċibbli biss jekk il-likwidazzjoni jew il-waqfien jitlestew fi żmien tliet snin wara s-sena kalendarja li fiha jkun ntemmu l-operazzjonijiet tan-negozju jew is-sena kalendarja li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar dan;
- b) kundizzjoni territorjali: it-telf ta' likwidazzjoni jew ta' waqfien għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għat-tnaqqis tat-taxxa biss jekk l-entità xolta jew l-istabbiliment permanenti jkun stabbilit fin-Netherlands, fl-Unjoni Ewropea, fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni Ewropea għandha Ftehim ta' Assoċjazzjoni kwalifikanti; kif ukoll
- c) kundizzjoni kwantitattiva: it-tnaqqis tat-telf mil-likwidazzjoni għandu jkun possibbli biss jekk ikun hemm influwenza deċiżiva (interess ta' kontroll), li għandu jfisser li l-kontribwent għandu s-setgħa li jiddetermina l-attivitajiet tal-entità likwidata.

Il-kundizzjonijiet territorjali u kwantitattivi għandhom japplikaw biss għal telf li jaqbeż l-EUR 5 000 000.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2021.

Riforma C6.1 R5: Limitazzjoni tal-eżenzjoni għal telf

L-għan tar-riforma huwa li tillimita l-possibbiltà ta' tpaċija ta' profitti kontra telf minn snin preċedenti. Ir-riforma għandha l-għan li tipprevjeni lill-kumpaniji b'attivitajiet profittabbli fin-Netherlands milli jevitaw il-ħlas tat-taxxa korporattiva.

Din ir-riforma għandha temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv, li għandu jillimita t-tnaqqis tat-telf fit-taxxa korporattiva. L-eżenzjoni għal telf għandha tkun disponibbli biss sa 50 % tal-profitt taxxabbli li jaqbeż l-ammont ta' EUR 1 000 000 flimkien ma' perijodu illimitat għar-riportar tat-telf (li qabel kien sa sitt snin). Jekk il-profitti taxxabbli jkun inqas jew sa EUR 1 000 000, it-telf għandu jkun deduċibbli kollu.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma C6.1 R6: Politika kontra l-ħasil tal-flus

L-objettiv tar-riforma huwa li jissaħħaħ il-qafas tan-Netherlands kontra l-ħasil tal-flus u li jiġi miġġieled l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja Netherlandiża mill-kriminali.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- a) it-tisħiħ tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF), li hija responsabbli għall-identifikazzjoni tal-ħasil tal-flus, għall-ġlieda kontra l-frodi u għat-traċċar tal-finanzjament tar-reati, billi timpjega 20 ekwivalenti addizzjonali full-time; kif ukoll
- b) id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi limitu fuq il-pagamenti fi flus kontanti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

F.2 Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
117	C6.1 R1-1 Il-politika tat-taxxa Netherlandiża	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi taxxa f'ras il-għajn	Dispożizzjoni fil-liġi li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi dwar it-taxxa minn ras il-għajn li tkopri ż-żewġ stadji li ġejjin: (1) mill-1 ta' Jannar 2021, taxxa minn ras il-għajn fuq l-imgħax u r-royalties imħallsa lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa u f'sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu abbuż tat-taxxa skont ir-regolamenti Netherlandiżi kontra l-abbuż. (2) mill-1 ta' Jannar 2024, taxxa minn ras il-għajn fuq dividendi mħallsa lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa u f'sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu abbuż tat-taxxa skont ir-regolamenti Netherlandiżi kontra l-abbuż.
118	C6.1 R1-2 Il-politika tat-taxxa Netherlandiża	Objettiv intermedju	Ittra ta' monitoraġġ tal-effetti tal-bidliet fil-politika tat-tassazzjoni mibgħuta lill-Parlament	Ittra ta' monitoraġġ mibgħuta mill-kabinett lill-Parlament				Q4	2025	Ittra li timmonitorja l-effetti tal-politiki kontra l-evitar tat-taxxa għandha tintbagħat mill-kabinett lill-Parlament u għandha tkun disponibbli għall-pubbliku online. L-ittra għandha tinkludi l-monitoraġġ bikri tal-flussi finanzjarji (dividendi, imgħaxijiet u royalties) minn u lejn in-Netherlands abbażi ta' data indipendenti rrapportata mill-bank ċentrali Netherlandiż (<i>De Nederlandsche Bank</i>).
119	C6.1 R2-1 L-indirizzar tad-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament	Objettiv intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tindirizza d-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament	Dispożizzjoni fil-liġi li tippredvi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tindirizza d-diskrepanzi fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament Il-liġi għandha telimina diskrepanzi relatati ma' differenza fl-ipprezzar ta' trasferiment jew fil-valutazzjoni ta' assi akkwistati li jwasslu għal nontassazzjoni doppja.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
120	C6.1 R3-1 Emenda tal-limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal-imgħax biex jiġu evitati eżenzjonijiet mit-taxxa fuq imgħaxijiet negattivi u riżultati pożittivi tal-munita	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv biex jiġu eliminati l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-imgħaxijiet negattivi u riżultati pożittivi tal-munita	Dispożizzjoni fil-liġi li temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q1	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv (l-Artikolu 10a) li għandhom jimmodifikaw il-limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal-imgħax fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv sabiex l-applikazzjoni ta' din ir-regola kontra l-abbuż ma tkunx tista' twassal għal eżenzjoni indebita mill-ħlas ta' taxxi fuq interessi negattivi u riżultati pożittivi tal-munita.
121	C6.1 R4-1 Limitazzjoni tat-tnaqqis tat-taxxa minħabba telf ta' likwidazzjoni u waqfien	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv biex tiġi limitata l-eżenzjoni mit-taxxi minħabba telf ta' likwidazzjoni u waqfien	Dispożizzjoni fil-liġi li temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q1	2021	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt Korporattiv li jllimitaw it-tnaqqis tat-telf mil-likwidazzjoni u mill-waqfien. L-emendi għandhom jintroduċu tliet kundizzjonijiet meħtieġa biex it-telf mil-likwidazzjoni u mill-waqfien ikun jista' jitnaqqas mit-taxxa: a) Kundizzjoni temporali: it-telf mil-likwidazzjoni jew mill-waqfien għandu jkun deduċibbli biss jekk il-likwidazzjoni jew il-waqfien jitlestew fi żmien tliet snin wara s-sena kalendarja li fiha jkun ntemmu l-operazzjonijiet tan-negozju jew is-sena kalendarja li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar dan; b) Kundizzjoni territorjali: it-telf minn likwidazzjoni u minn waqfien mix-xogħol għandu jkun deduċibbli mit-taxxa biss jekk l-entità jew l-istabbiliment permanenti kienu stabbiliti fin-Netherlands, fl-Unjoni Ewropea, fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew f'pajjiż terz li miegħu l-Unjoni Ewropea għandha Ftehim ta' Assoċjazzjoni kwalifikanti.

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
										c) Kundizzjoni kwantitattiva: it-tnaqqis tat-taxxa tat-telf mil-likwidazzjoni għandu jkun possibbli biss jekk ikun hemm influwenza deċiżiva (interess ta' kontroll), li għandu jfisser li l-kontribwent għandu s-setgħa li jiddetermina l-attivitàjiet tal-entità likwidata. Il-kundizzjonijiet territorjali u kwantitattivi għandhom japplikaw biss meta t-telf ikun ogħla minn EUR 5 000 000.
122	C6.1 R5-1 Limitazzjoni tal-eżenzjoni għal telf	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex tiġi limitata l-eżenzjoni għal telf	Dispożizzjoni fil-liġi li temenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q1	2022	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex jitnaqqas il-ħelsien minn telf fit-tassazzjoni korporattiva kif ġejj: l-eżenzjoni għal telf għandha tkun disponibbli biss sa 50 % tal-profitt taxxabli li jaqbeż l-ammont ta' EUR 1 000 000 flimkien ma' perijodu illimitat għar-riportar tat-telf (li qabel kien sa sitt snin). Fil-każ ta' profitti taxxabli taħt jew sa EUR 1 000 000, it-telf għandu jkun deduċibbli kollu.
123	C6.2 R6-1 Politika kontra l-ħasil tal-flus	Mira	Żieda fl-għadd ta' ekwivalenti full-time tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja		Għadd	82	102	Q4	2024	Il-persunal tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) għandu jiżdied b'20 ekwivalenti full-time, meta mqabbel ma' Jannar 2022, li l-kompitu ewlieni tagħha għandu jkun li tidentifika l-ħasil tal-flus, il-ġlieda kontra l-frodi u t-traċċar tal-finanzjament ta' reati.
124	C6.2 R6-2 Politika kontra l-ħasil tal-flus	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi limitu fuq il-pagamenti fi flus kontanti	Dispożizzjoni fil-liġi li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q1	2025	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi limitu fuq il-pagamenti fi flus kontanti.

G. AWDITJAR U KONTROLL

G.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Sabiex l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti b'mod effettiv, sistema ta' repożitorju ċentrali għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza – li tinkludi mill-inqas il-kisba tal-oġġettivi intermedji u l-miri, id-data dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji – għandha tkun fis-seħħ u operazzjonali qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għal pagament. In-Netherlands għandhom jippreżentaw rapport tal-awditjar iddedikat qabel l-ewwel talba għal pagament li jikkonferma l-eżistenza tal-funzjonalitajiet tas-sistema repożitorju.

Barra minn hekk, il-mandati u l-assenjazzjonijiet legali rilevanti lill-awtoritajiet involuti fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands għandhom jiġu adottati f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għal pagament.

G.2 Objettivi intermedji, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju u/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objetti v	Trimestru	Sena	
125	C7-1 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u Komplementarjetà	Objettiv intermedju	Sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontroll: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju				Q1	2023	Sistema ta' repożitorju ċentrali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF għandha tkun fis-seħħ u operazzjonali. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir ta' <i>data</i> u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (b) il-ġbir, il-ħżin ta' <i>data</i> , u l-iżgurar tal-aċċess għad- <i>data</i> meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament (UE) 2021/241 (ir-Regolament RRF).
126	C7-2 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u Komplementarjetà	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jemenda l-istatut tal-korp tal-awditjar ("Auditdienst Rijk")	Dispożizzjoni fid-digriet ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q4	2022	Id-digriet ministerjali li jemenda l-istatut tal-korp tal-awditjar ("Auditdienst Rijk") għandu jinkludi l-mandat biex jiġu stabbiliti u mwettqa awditi tas-sistema u ttestjar sostantiv relatati mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands. Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jagħti lill-korp tal-awditjar Netherlandiż ("Auditdienst Rijk") l-inkarigu rilevanti biex jistabbilixxi u jwettaq awditi tas-sistema u ttestjar sostantiv relatati mal-Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands.
127	C7-3 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jemenda d-deċiżjoni organizzazzjonali ("Organisatiebesluit") li jiddefinixxi l-mandat tad-direttorat tal-programm	Dispożizzjoni fid-digriet ministerjali li tindika d-dħul fis-seħħ				Q4	2022	Id-Direttorat tal-Programm għall-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ministeru tal-Finanzi għandu jingħata mandat uffiċjali permezz tad-dħul fis-seħħ ta' Digriet Ministerjali li jemenda d-deċiżjoni organizzattiva tal-Ministeru tal-Finanzi ("organisatiebesluit Ministry of Finance") bħala l-korp ta' koordinazzjoni għall-

	Komplementarjet à		għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza							implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r- reżiljenza tan-Netherlands.
--	----------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	---

H. REPowerEU

Il-komponent REPowerEU jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-oġġettivi tal-komponent huma li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-bini, jiffaċilita l-investimenti fil-grilja tal-elettriku, jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-konġestjoni tal-grilja u jaċċellera l-proċeduri legali għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Dawn l-oġġettivi kollha huma mistennija li jikkontribwixxu għall-għan usa' li jiżdied is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tan-Netherlands. Il-miżuri f'dan il-komponent għandhom dimensjoni transfruntiera jew multinazzjonali, peress li jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi.

Il-komponent REPowerEU jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-istrategġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019), biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jitħaffef l-użu tas-sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari billi tingħata spinta lill-investimenti komplementari fl-infrastruttura tan-netwerk u jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, partikolarment fil-bini (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

H.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment C8 I1 (miżura mkabbra): Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li żżid is-C3.2 I2 "Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija" taħt il-komponent 3 (It-titjib tas-suq tad-djar u li l-proprjetà immobbli ssir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija). Il-parti miżjuda tal-investment għandha żżid l-għadd ta' interventi bi 355 600 u għandha tissussidja l-interventi eliġibbli elenkati fid-deskrizzjoni tal-investment C3.2 I2 "Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija". L-interventi addizzjonali għandu jkollhom l-oġġettiv li jiksibu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-attivitajiet u l-assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumx inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti għandhom jiġu esklużi⁹.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

⁹ Fejn l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunx ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti

għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/447.

Riforma C8 R1: Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija

Din ir-riforma għandha l-għan li tindirizza diversi sfidi relatati mas-swieq tal-enerġija li qed jiffaċċjaw in-Netherlands. Ir-riforma għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- a. Azzjonijiet li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konġestjoni fuq il-grilja tal-elettriku Netherlandiża li għandhom jinkludu i) id-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni mill-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq li temenda l-kodiċi tal-grilja tal-elettriku biex jiġu pprovduti strumenti addizzjonali għall-operaturi tal-grilja għall-użu flessibbli tal-grilja meta l-grilja tkun konġestjonata kif ukoll inċentivi għat-tnaqqis fid-domanda u r-riallokazzjoni tal-kapaċità tal-grilja lill-utenti tal-grilja; u ii) it-tlestija tal- "Programmi Multiannwali Provinċjali għall-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Klima 2.0" (*provinciale Meerjarenprogramma s Infrastructuur Energie en Klimaat, pMIEK*).
- b. Id-dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jistabbilixxi l-qafas ta' prijorità għall-investimenti fin-netwerk tal-elettriku mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Il-qafas għandu jiżgura li l-investimenti li huma parti mill-Programmi Multiannwali nazzjonali u provinċjali għall-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Klima (*Meerjarenprogramma s Infrastructuur Energie en Klimaat, Miek*) għandhom jingħataw prijorità.
- c. Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (*Omgevingswet*). L-att emendatorju għandu jaċċellera l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li għandhom jibbenefikaw mill-aċċellerazzjoni għandu jiġi definit f'digriet subordinat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

H.2. Obiettivi intermedi, miri, indicatori, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Obiettivi intermedi/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedi)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull obiettivi intermedi u mira
					Unità	Linja bażi	Obiettivi	Trimestru	Sena	
128	C8-I1 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati		Għadd ta' interventi sussidjati	0	134 050	Q2	2024	Mill-inqas 134 050 interventi taħt is-sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (bojlers solari, konnessjonijiet termali, iżolazzjoni u pompi tas-sħana, mill-2023 'il quddiem installazzjonijiet tat-tisjir elettriċi) għandhom jiġu ssussidjati. L-interventi għandu jkollhom l-obiettivi li jiksibu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
129	C8-I1 Sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati		Għadd ta' interventi sussidjati	134 050	231 985	Q2	2025	Mill-inqas 97 935 intervent ieħor taħt is-sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (bojlers solari, konnessjonijiet termali, iżolazzjoni u pompi tas-sħana, mill-2023 'il quddiem installazzjonijiet tat-tisjir elettriċi) għandhom jiġu ssussidjati. L-interventi għandu jkollhom l-obiettivi li jiksibu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
130	C8-I1 Sussidju għall-investiment għall-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-		Għadd ta' interventi sussidjati	456 985	580 600	Q2	2026	Mill-inqas 123 615 intervent ieħor taħt is-sussidju għall-investiment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (bojlers solari, konnessjonijiet termali, iżolazzjoni u

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
	sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija		enerġija ssussidjati							pompi tas-sħana, mill-2023 'il quddiem installazzjonijiet tat-tisjir elettriċi) għandhom jiġu ssussidjati. L-interventi għandu jkollhom l-objettiv li jiksbu bħala medja tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.
131	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq li temenda l-kodiċi tal-grilja tal-elettriku	Dispożizzjoni fid-deċiżjoni tal-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tagħha				Q4	2022	Dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq li temenda l-kodiċi tal-grilja tal-elettriku. Id-Deċiżjoni għandha ttipprovdi strumenti addizzjonali lill-operaturi tal-grilja għall-użu flessibbli tal-grilja meta l-grilja tkun konġestjonata. Għandu jipprovdi wkoll inċentivi għat-tnaqqis fid-domanda u għar-riallokazzjoni tal-kapaċità tal-grilja lill-utenti tal-grilja.
132	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jistabbilixxi l-qafas ta' prijorità għall-investimenti fil-grilja tal-elettriku	Dispożizzjoni fid-digriet ministerjali li jipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q2	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jistabbilixxi l-qafas ta' prijorità għall-investimenti fin-netwerk tal-elettriku mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Il-qafas għandu jiżgura li l-investimenti li huma parti mill-Programmi Multiannwali nazzjonali u provinċjali għall-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Klima (MIEK) għandhom jingħataw prijorità.
133	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Mira	Tlestija tat-12 "Programmi Pluriennali Provinċjali għall-Infrastruttura		Għadd ta' programmi li tlestew	0	12	Q2	2025	Għandu jitlesta total ta' 12-il "Programm Multiannwali Provinċjali għall-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Klima (pMIEK) 2.0" (wieħed għal kull provinċja). Dawn il-programmi għandhom jagħtu prijorità lill-proġetti

Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Żmien		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
			tal-Enerġija u l-Klima 2.0"							tal-infrastruttura tal-enerġija mill-operaturi tal-grilja relatati mal-espansjoni tal-grilja tal-elettriku fil-livell provinċjali.
134	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar	Dispożizzjoni fl-att li temenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Introjt li tipprevedi d-dħul fis-seħħ tiegħu				Q4	2025	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. L-att emendatorju għandu jintroduċi l-bidliet li ġejjin fil-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli: a) Il-proċeduri amministrattivi legali kollha għandhom isiru quddiem il-Kunsill tal-Istat; b) L-appelli kontra deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Istat għandhom jiġu ppreżentati fi żmien 6 xhur; c) L-appelli kontra deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Istat għandhom ikunu motivati mill-parti li tippreżenta l-appell fil-perjodu li matulu jista' jiġi ppreżentat appell. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li għandhom jibbenefikaw minn din l-aċċellerazzjoni għandu jiġi definit f'digriet subordinat.

2. L-istima tal-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

L-istima tal-kost totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands hija ta' EUR 5 443 293 000.

Il-kostijiet tal-kost totali tal-kapitolu REPowerEU huma ta' EUR 735 000 000.

TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-pagamenti msemija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-ewwel Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
3	C1.1 R2-1 L-introduzzjoni u l-issikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi l-imposta industrijali fuq is-CO2
4	C1.1 R2-2 L-introduzzjoni u l-issikkar tal-imposta tas-CO2 għall-industrija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tissikka l-imposta industrijali tas-CO2
5	C1.1 R3-1 Żieda fit-Taxxa fuq l-Ivvjaġġar bl-Ajru (ATT, Air Travel Tax)	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li żżid it-taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru għall-passiġġieri tal-ajru li jtilqu minn ajruport fin-Netherlands
35	C2.1 I1-1 Quantum Delta NL	Objettiv intermedju	Struttura ta' Quantum Delta NL
46	C2.2 I1-1 Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System)	Objettiv intermedju	Tlesta l-istudju tal-ippjanar tal-ERTMS Kijfhoek-fruntiera Belġjana
58	C2.3 R1-1 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Gvern Miftuħ
59	C2.3 R1-2 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni aġġornati dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-informazzjoni
67	C3.1 R1-1 Żieda fil-proporzjon tal-valur tal-pussess battal	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li żżid il-proporzjon tal-valur tal-pussess vakanti
69	C3.1 R3-1 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Ftehimiet bejn il-gvern nazzjonali u l-provinċji dwar it-twettiq ta' 900 000 abitazzjoni ġdida
73	C3.1 R4-1 Żieda fid-dipendenza tal-kera fuq l-introjt	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni biex tiżdied iż-żieda massima

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
			annwali fil-kera għal inkwilini bi dħul medju sa għoli li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali
74	C3.1 R5-1 L-aċċellerazzjoni tal-proċess u tal-proċeduri tal- kostruzzjoni residenzjali	Objettiv intermedju	Ittra lill-Parlament dwar l- ostakli fil-proċess tal-ippjanar li jidentifikaw soluzzjonijiet possibbli ppubblikati
81	C3.2 I1-1 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi l-iskema ta' sussidju għar-rinnovazzjoni
84	C4.1 R1-1 Tnaqqis tat-tnaqqis ta' persuni li jaħdmu għal rashom	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tnaqqas it-tnaqqis tat-taxxa għall-persuni li jaħdmu għal rashom
87	C4.1 R3-1 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirriforma t-tieni pilastru tas- sistema tal-pensjonijiet
90	C4.1 R4-1 L-indirizzar ta' impjiegi indipendenti falz	Objettiv intermedju	Pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas l-impjeg indipendenti fittizju ppreżentat lill-Parlament
93	C4.1 I1-1 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Pariri dwar il-karriera biex jiġu appoġġati l-individwi
94	C4.1 I1-2 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Taħriġ tal-ħiliet biex jiġu appoġġati l-individwi
105	C4.2 I3-1 Appoġġ għall- istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja	Objettiv intermedju	Tnedija ta' pjattaforma online biex tappoġġa lill-istudenti fl- aħħar sena tal-iskola sekondarja
106	C4.2 I3-2 Appoġġ għall- istudenti fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja	Mira	Appoġġ għall-bordijiet tal- iskejjel biex jipprovdu appoġġ addizzjonali lill- istudenti fl-aħħar sena tal- iskola sekondarja
107	C4.2 I4-1 Laptops u tablets għal edukazzjoni online u ibrida biex jiġi miġġieled u mmitigat it-telf tat- tagħlim	Mira	Għadd ta' apparati diġitali pprovduti
113	C5.1 I3-1 SET COVID-19	Mira	Għadd ta' għotjiet mogħtija
114	C5.1 I4-1 Infrastruttura tar- Riċerka dwar is-Saħħa (HRI, Health Research Infrastructure)	Objettiv intermedju	Sistema ta' appoġġ għar- riċerkaturi operazzjonali – Service desks
119	C6.1 R2-1 L-indirizzar tad- diskrepanzi fl-applikazzjoni tal- prinċipju ta' distakkament	Objettiv intermedju	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tindirizza d-diskrepanzi fl- applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament
120	C6.1 R3-1 Emenda tal- limitazzjoni speċifika tat-tnaqqis tal- imgħax biex jiġu evitati eżenzjonijiet mit-taxxa fuq	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l- Introjtu Korporattiv biex jiġu eliminati l-eżenzjonijiet mit-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
	imgħaxijiet negattivi u rizzultati pożittivi tal-munita		taxxa fuq l-imgħaxijiet negattivi u r-rizzultati pożittivi tal-munita
121	C6.1 R4-1 Limitazzjoni tat-tnaqqis tat-taxxa minħabba telf ta' likwidazzjoni u waqfien	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex tiġi limitata l-eżenzjoni mit-taxxi minħabba telf ta' likwidazzjoni u waqfien
122	C6.1 R5-1 Limitazzjoni tal-ħelsien minn taxxa għal telf	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv biex tiġi limitata l-eżenzjoni għal telf
125	C7-1 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u Komplementarjetà	Objettiv intermedju	Sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontroll: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF
126	C7-2 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u Komplementarjetà	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tad-digriet ministerjali li jemenda l-istatut tal-korp tal-awditjar ("Auditdienst Rijk")
127	C7-3 Awditjar u Kontroll, Implimentazzjoni u Komplementarjetà	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jemenda d-deċiżjoni organizzazzjonali ("Organisatiebesluit") li jiddefinixxi l-mandat tad-direttorat tal-programm għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza
131	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq li temenda l-kodiċi tal-grilja tal-elettriku
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 1 332 776 071

1.2. It-tieni Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
1	C1.1 R1-1 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta t-tariffi tat-taxxa fuq l-enerġija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
21	C1.1 I2-1 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni tal-aġenda tal-kapital uman biex tiżdied il-provvista tal-ħiliet fl-idroġenu ekoloġiku
34	C1.2 I2-1 Skema ta' għajnuna għar-riabilitazzjoni tal-farms tal-ħnieżer	Mira	Għadd ta' siti ta' trobbija tal-ħnieżer mitmuma
47	C2.2 I1-2 Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System)	Objettiv intermedju	Tlesta l-istudju dwar l-ippjanar tal-ERTMS fit-Tramuntana tan-Netherlands
55	C2.2 I3-1 Stazzjoni intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)	Mira	Numru ta' stazzjonijiet intelliġenti fil-ġenb tat-triq installati
65	C2.3 I2-1 Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Objettiv intermedju	Portal diġitali għall-komunikazzjoni formali fi proċedimenti kriminali operazzjonali
66	C2.3 I2-2 Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-ġustizzja kriminali	Objettiv intermedju	L-ipproċessar diġitali ta' każijiet ta' kriminalità frekwenti huwa operazzjonali
68	C3.1 R2-1 It-tneħħija gradwali tal-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali li jiffinanzjaw ix-xiri ta' djar	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li telimina gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa għal rigali biex jiffinanzjaw ix-xiri ta' djar f'żewġ stadji
70	C3.1 R3-2 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Ftehimiet bejn provinċji u municiċipalitajiet dwar it-twettiq ta' 900 000 abitazzjoni ġdida
71	C3.1 R3-3 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Immedija sistema ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet mal-municiċipalitajiet
72	C3.1 R3-4 Ippjanar ċentralizzat biex tiżdied il-provvista tad-djar	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-ażżjonijiet addizzjonali meħuda mill-Istat biex jinforza ftehimiet dwar il-konstruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda
75	C3.1 R5-2 L-aċċellerazzjoni tal-proċess u tal-proċeduri tal-konstruzzjoni residenzjali	Objettiv intermedju	Ażżjonijiet biex jitħaffef il-proċess ta' ppjanar għal proġetti ta' akkomodazzjoni
95	C4.1 I1-3 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Mira	Perkorsi settorjali mfassla apposta biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn l-impjiegi

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
97 a	C4.1 I3-1 Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi dwar il-baġit
104	C4.2 I2-1 Appoġġ għal parteċipanti ġodda biex jiġi evitat it-telf tat-tagħlim	Mira	Appoġġ lill-iskejjel primarji u sekondarji biex jipprovdu aktar appoġġ lil parteċipanti ġodda
111	C5.1 I2-1 Estensjoni tal-Kura Intensiva	Mira	Għadd ta' sptarijiet li lestew l-adattamenti tal-faċilitajiet għal sodod fissi u sodod flessibbli eżistenti
112	C5.1 I2-2 Estensjoni tal-Kura Intensiva	Mira	Taħriġ tal-persunal tal-isptar
115	C5.1 I4-2 Infrastruttura tar-Riċerka dwar is-Saħħa (HRI, Health Research Infrastructure)	Objettiv intermedju	Pjan direzzjonali adottat dwar data ġusta (li tiżgura li d-data tista' tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u li tista' terġa' tintuża)
116	C5.1 I4-3 Infrastruttura tar-Riċerka dwar is-Saħħa (HRI, Health Research Infrastructure)	Objettiv intermedju	Portal ta' data operazzjonali
117	C6.1 R1-1 Politika tat-taxxa Netherlandiża	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi taxxa f'ras il-għajn
132	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' digriet ministerjali li jstabbilixxi l-qafas ta' prijetà għall-investimenti fil-grilja tal-elettriku
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 1 185 101 166

1.3. It-tielet Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
2	C1.1 R1-2 Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li taġġusta l-elementi strutturali tat-taxxi fuq l-enerġija
6	C1.1 R4-1 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tneħħi gradwalment l-eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u muturi (BPM) għal vannijiet kummerċjali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
9	C1.1 R5-1 Liġi dwar l-Enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-Enerġija
17	C1.1 I1-8 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art – Ftehimiet ta' governanza għall-pjanijiet ta' investiment fiż-żona
37	C2.1 I2-1 Komunitajiet tat-tagħlim tal-IA Ned u IA applikata	Mira	Għoti ta' Għotjiet ta' Boroż ta' Studju
43	C2.1 I4-1 Loġistika tal-infrastruttura diġitali	Mira	Ġiet żviluppata Infrastruttura tad-Data Bażika
48	C2.2 I1-3 Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System)	Mira	Numru ta' arbli GSM-Rail operattivi għall-ERTMS
49	C2.2 I1-4 Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System)	Objettiv intermedju	Sistemi loġistiċi adattati għall-ERTMS
50	C2.2 I1-5 Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System)	Objettiv intermedju	Is-Sistema Ċentrali tas-Sikurezza operazzjonali
51	C2.2 I2-1 Mobilità sikura, intelliġenti u sostenibbli	Mira	Apparat intelliġenti għall-kontroll tat-traffiku
61	C2.3 I1-1 IT Rivoluzzjonarja (GrIT)	Objettiv intermedju	Azzjonijiet ta' titjib fiċ-Ċibersigurtà implimentati
62	C2.3 I1-2 IT Rivoluzzjonarja (GrIT)	Mira	Persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża li jaħdem mill-bogħod permezz ta' netwerk sigur
77	C3.1 I1-2 L-isfruttar ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 1)
85	C4.1 R2-1 Assigurazzjoni ta' diżabbiltà għal persuni li jaħdmu għal rashom	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-liġi li tistabbilixxi assigurazzjoni obbligatorja tad-diżabbiltà għal-persuni li jaħdmu għal rashom
88	C4.1 R3-2 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Objettiv intermedju	Pjanijiet għat-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet iffinalizzati u ppublikati
91	C4.1 R4-2 L-indirizzar ta' impjiegi indipendenti falz	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' liġi li timmodifika d-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
92	C4.1 R4-3 L-indirizzar ta' impjiegi indipendenti falz	Objettiv intermedju	Il-moratorju fuq l-infurzar tal-liġi li jidderegola l-valutazzjoni tar-relazzjonijiet ta' impjeg abolit
96	C4.1 I1-4 In-Netherlands ikomplu jitgħallmu	Objettiv intermedju	Evalwazzjoni indipendenti tal-impatt soċjoekonomiku tal-iskemi ta' sussidju taħt "In-Netherlands ikomplu jitgħallmu"
101	C4.2 I1-1 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Proġetti magħżula biex jippromwovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi
108 a	C5.1 I1-1 Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi	Mira	Qafas finanzjarju li jippermetti t-taħriġ fis-settur tal-kura tas-saħħa
110	C5.1 I1-3 Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani għall-kura fi żminijiet ta' kriżi	Mira	Tinħoloq Riżerva Nazzjonali ta' Riżerva għall-Kura tas-Saħħa
123	C6.2 R6-1 Politika kontra l-ħasil tal-flus	Mira	Żieda fl-għadd ta' ekwivalenti full-time tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja
124	C6.2 R6-2 Politika kontra l-ħasil tal-flus	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi limitu fuq il-pagamenti fi flus kontanti
128	C8-I1 Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 1 421 267 213

1.4. Ir-raba' Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
7	C1.1 R4-2 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi	Objettiv intermedju	Pubblikazzjoni ta' liġi fil-Ġurnal Uffiċjali li temenda t-taxxa eżistenti fuq il-karozzi u l-vannijiet
11	C1.1 I1-2 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-trasport marittimu – Pubblikazzjoni ta' sejħa/sejħiet

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
			għall-offerti għax-xiri ta' bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġenza
13	C1.1 I1-4 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Żvilupp u implimentazzjoni tat-titjib tan-natura u l-protezzjoni tal-ispeċijiet
14	C1.1 I1-5 Riħ lil hinn mill-kosta	Mira	It-tisih u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana – Proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib u/jew ir-restawr tan-natura fiż-żoni Natura 2000 u fiż-żoni protetti tal-madwar u fi hdnhom skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)
19	C1.1 I1-10 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta lejn siti ta' żbark fuq l-art – Pakkett ta' Impulsazzjoni Ekoloġika tal-Baħar Wadden
20	C1.1 I1-11 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art – Kumpens għal u mitigazzjoni tas-salinizzazzjoni tal-art agrikola
22	C1.1 I2-2 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Mira	Ftehimiet ta' għotja ffirmati għal faċilitajiet ta' dimostrazzjoni għal teknoloġija innovattiva tal-idroġenu ekoloġiku
23	C1.1 I2-3 Enerġija ekoloġika tal-idroġenu	Mira	Ftehimiet ta' għotja ffirmati għal proġetti ta' riċerka għall-idroġenu ekoloġiku
24	C1.1 I3-1 Tranżizzjoni tal-enerġija mill-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES	Mira	Kilowatt sigħat (kWh) ta' elettriku pprovdut minn kontenituri tal-enerġija modulari operazzjonali
25	C1.1 I3-2 Tranżizzjoni tal-enerġija mill-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES	Mira	Numru ta' siti tat-tagħbija operattivi
26	C1.1 I3-3 Tranżizzjoni tal-enerġija mill-passaġġi fuq l-ilma interni, proġett ZES	Mira	Għadd ta' bastimenti konvertiti f'emissjonijiet zero
27	C1.1 I4-1 Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Objettiv intermedju	Disinn dettaljat tat-turbofan tal-kombustjoni tal-idroġenu
28	C1.1 I4-2 Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Objettiv intermedju	Disinn dettaljat tal-propulsjoni elettrika biċ-ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu
29	C1.1 I4-3 Avjazzjoni fi tranżizzjoni	Objettiv intermedju	Grupp ta' riflessjoni "Flying Vision" operazzjonali
38	C2.1 I2-2 Komunitajiet tat-tagħlim tal-IA Ned u IA applikata	Mira	Laboratorji ta' riċerka tal-ELSA AI operazzjonali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
39	C2.1 I2-3 Komunitajiet tat-tagħlim tal-IA Ned u IA applikata	Mira	Proġetti ta' R&Ż mogħtija
41	C2.1 I3-1 Impuls fl-educazzjoni diġitali	Objettiv intermedju	Pjattaforma unika għall-aċċess ta' materjali ta' apprendiment diġitali maħluqa u soluzzjoni tal-identità operazzjonali u diġitali għall-istudenti li qed jintużaw
42	C2.1 I3-2 Impuls fl-educazzjoni diġitali	Mira	Iċ-ċentri għat-Tagħlim u t-Tagħlim operazzjonali
44	C2.1 I4-2 Loġistika tal-infrastruttura diġitali	Mira	Il-prontezza diġitali żdiedet fis-settur tal-loġistika
52	C2.2 I2-2 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Mira	Servizzi ta' Prijorità ta' Sigurtà
56	C2.2 I3-2 Stazzjoni intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)	Mira	Numru ta' stazzjonijiet intelliġenti fil-ġenb tat-triq addizzjonali installati
57	C2.2 I3-3 Stazzjoni intelliġenti mal-ġenb tat-triq (iWKS)	Mira	Numru finali ta' stazzjonijiet intelliġenti fil-ġenb tat-triq installati
63	C2.3 I1-3 IT Rivoluzzjonarja (GrIT)	Objettiv intermedju	Titjib fin-netwerks u tlestew il-migrazzjoni lejn infrastruttura ġdida tal-IT
78	C3.1 I1-3 L-isfruttar ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 2)
82	C3.2 I1-2 Skema ta' sussidju għas-sostenibbiltà tal-proprjetà immobbli tas-settur pubbliku	Mira	Is-somma tat-tnaqqis annwali fl-emissjonijiet tas-CO2 (f'Kton) mill-interventi kollha approvati għar-rinnovazzjoni u l-effiċjenza enerġetika ssussidjati skont l-iskema
86	C4.1 R2-2 Assigurazzjoni ta' diżabbiltà għal persuni li jaħdmu għal rashom	Objettiv intermedju	Itra lill-Parlament dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-assigurazzjoni obbligatorja tad-diżabbiltà
89	C4.1 R3-3 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Objettiv intermedju	Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-fondi tal-pensjonijiet iffinalizzati u ppubblikati
102	C4.2 I1-2 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Proġetti li jippromwovu soluzzjonijiet edukattivi diġitali innovattivi lesti
103	C4.2 I1-3 Laboratorju Nazzjonali tal-Edukazzjoni AI	Mira	Konsenja ta' żewġ prodotti b'Livell ta' Tħejjija Teknoloġika 6
109 a	C5.1 I1-2 Kapaċità temporanja addizzjonali ta' riżorsi umani	Mira	L-għadd ta' persuni li jipparteċipaw fil-programm ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
	għall-kura fi żminijiet ta' kriżi		edukazzjoni vokazzjonali u "taħriġ fuq il-post tax-xogħol"
118	C6.1 R1-2 Politika tat-taxxa Netherlandiża	Objettiv intermedju	Ittra ta' monitoraġġ li tevalwa l-effetti tal-bidliet fil-politika tat-taxxa mibgħuta lill-Parlament
129	C8-I1 Sussidju għall-investment għall-enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati
133	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Mira	Tlestija tat-12 "Programmi Pluriennali Provinċjali għall-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Klima 2.0"
134	C8-R1 Pakkett ta' riforma tas-suq tal-enerġija	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' att li jemenda l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 751 139 298

1.5. Il-ħames Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
8	C1.1 R4-3 Riforma tat-tassazzjoni fuq il-karozzi	Objettiv intermedju	Ittra lill-Parlament dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-liġi li temenda l-bażi tat-taxxa għall-karozzi u l-vannijiet
10	C1.1 I1-1 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-trasport marittimu – Kuntratt(i) iffirmat(i) għax-xiri ta' punti tal-iċċarġjar ġodda fuq il-baħar u fil-moll
12	C1.1 I1-3 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	L-iżgurar tas-sikurezza tat-tbajhir – Kuntratt (i) iffirmat (i) għax-xiri ta' bastimenti tal-irmunkar b'rispons ta' emerġenza
15	C1.1 I1-6 Riħ lil hinn mill-kosta	Mira	It-tisħiħ u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-Tramuntana – Programm Ekoloġiku għar-Rimi lil hinn mill-Kosta (WOZEP)
16	C1.1 I1-7 Riħ lil hinn mill-kosta	Mira	It-tisħiħ u l-protezzjoni tal-Ekosistema tal-Baħar tat-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
			Tramuntana – Diġitalizzazzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana – Stazzjonijiet ta' Monitoraġġ
18	C1.1 I1-9 Riħ lil hinn mill-kosta	Objettiv intermedju	Konnessjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' siti ta' żbark fuq l-art – Ftehimiet amministrattivi għal pjanijiet ta' investment fiż-żona
30	C1.2 I1-1 Il-programm NATURA	Mira	Azzjonijiet ta' titjib tal-kwalità fiż-żoni ta' Natura 2000 u madwarhom implimentati
31	C1.2 I1-2 Il-programm NATURA	Mira	Restawr aċċellerat tan-natura minn organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-art
32	C1.2 I1-3 Il-programm NATURA	Mira	Titjib fil-kwalità tan-natura tax-xmajjar u tal-ġestjoni fil-ġenb tat-triq
33	C1.2 I1-4 Il-programm NATURA	Mira	Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ u l-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-Programm dwar in-Natura
36	C2.1 I1-2 Quantum Delta NL	Objettiv intermedju	Quantum Delta NL
40	C2.1 I2-4 Komunitajiet tat-tagħlim tal-IA Ned u IA applikata	Mira	Implimentazzjoni tal-Komunitajiet ta' Tagħlim dwar l-IA
45	C2.1 I4-3 Loġistika tal-infrastruttura diġitali	Mira	Tlestew il-laboratorji ħajjin
53	C2.2 I2-3 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Mira	Infrastruttura Diġitali għall-Mobbiltà Reżiljenti tal-Futur (DITM)
54	C2.2 I2-4 Mobbiltà sikura, intelliġenti u sostenibbli	Mira	Settijiet ta' data disponibbli fil-Punt ta' Aċċess Nazzjonali għad-Data dwar il-Mobbiltà
60	C2.3 R1-3 Ġestjoni tal-informazzjoni pubblika (Att dwar il-Gvern Miftuħ)	Mira	Dokumenti disponibbli fuq il-Pjattaforma ta' Informazzjoni tal-Gvern Miftuħ
64	C2.3 I1-4 IT Rivoluzzjonarja (GrIT)	Mira	Persunal ċivili tal-Ministeru tad-Difiża b'aċċess għal faċilitajiet addizzjonali ta' xogħol mill-bogħod sigur
79	C3.1 I1-4 L-isfruttar ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Mira	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni (taqsima 3)
80	C3.1 I1-5 L-isfruttar ta' proġetti ġodda ta' kostruzzjoni	Objettiv intermedju	Azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima implimentati
83	C3.2 I2-1 Sussidju għall-investment għall-enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal-enerġija ssussidjati.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju / Mira	Isem
	sostenibbli u l-iffrankar tal-enerġija (ISDE)		
89 a	C4.1 R3-3 Riforma tat-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet	Mira	Deċiżjonijiet approvati dwar it-trasferiment tal-assi tal- pensjoni tad-detenturi tal- poloz għas-sistema l-ġdida tal- pensjonijiet
98 a	C4.1 I3-2 Baġit għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-persuni qiegħda	Mira	Finanzjament ta' programmi ta' taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' persuni qiegħda
130	C8-I1 Sussidju għall-investiment għall- enerġija sostenibbli u l-iffrankar tal- enerġija	Mira	Interventi tal-enerġija sostenibbli u tal-iffrankar tal- enerġija ssussidjati
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 751 139 298

TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. Arranġamenti għall-monitoraġġ u għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tan-Netherlands għandhom isiru f'konformità mal-arranġamenti li ġejjin:

- Id-Direttorat tal-Programm għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fil-Ministeru tal-Finanzi għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali ("systeemverantwoordelijk") għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan (RRP) u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- Id-direttorati ta' politika fil-ministeri, l-aġenziji u l-konsorzji rilevanti għandhom jiżguraw ir-rapportar u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRP filwaqt li d-Direttorati tal-Affarijiet Ekonomiċi Finanzjarji tal-ministeri rilevanti (FEŻ) għandhom jissorveljaw u jimmonitorjaw id-direttorati ta' politika u b'mod partikolari għandhom jissorveljaw il-progress lejn l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri.
- Id-Direttorat tal-Programm għall-RRF fil-Ministeru tal-Finanzi għandu jħejji linji gwida ġenerali li għandhom jiddefinixxu kif l-istadji importanti u l-miri għandhom jiġu rrapportati u akkumpanjati minn evidenza addizzjonali. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu inklużi fir-regolament tal-baġit tal-gvern li għandu jiġi aġġornat kull sena. L-implimentazzjoni tal-RRP għandha tiġi integrata fiċ-ċiklu intern tal-ippjanar u l-kontroll tad-diversi ministeri involuti fl-implimentazzjoni tal-RRP u għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali tagħhom. Permezz ta' dikjarazzjonijiet intermedji (jiġifieri dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni fil-livell tal-korpi ta' implimentazzjoni) il-korpi ta' implimentazzjoni għandhom jikkonfermaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jikkonfermaw il-validità tad-data rrapportata dwar l-istadji importanti u l-miri. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu vverifikati u ffirmati mid-Direttorati tal-Affarijiet Ekonomiċi Finanzjarji (Direttorati FEŻ) tal-ministeri involuti fl-implimentazzjoni tal-RRP.
- L-awtorità tal-awditjar "Auditdienst Rijk", servizz indipendenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, għandha twettaq awditi regolari tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, inkluż ittestjar sostantiv. Għandha tħejji wkoll sommarju tal-verifiki mwettqa li għandhom jiġu inklużi fit-talbiet għall-ħlas. L-awditi tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandhom jivvalutaw jekk l-arranġamenti ta' monitoraġġ u implimentazzjoni jipprovdux data kompluta u affidabbli dwar l-indikaturi definiti fl-RRP u jekk is-sistema ta' implimentazzjoni tiżgurax li l-fondi jiġu ġestiti f'konformità mar-regoli u tkunx kapaċi tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-frodi, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju.

2. Arranġamenti li jippermettu lill-Kummissjoni taċċessa b'mod sħiħ id-data sottostanti

Sabiex jipprovdu aċċess sħiħ tal-Kummissjoni għad-data sottostanti rilevanti, in-Netherlands għandu jkollhom fis-seħħ l-arranġamenti li ġejjin:

- Id-Direttorat tal-Programm għall-RRF fil-Ministeru tal-Finanzi għandu jaġixxi bħala l-korp ta' koordinazzjoni. Huwa għandu jkollu wkoll ir-responsabbiltà li jippreżenta t-talbiet għal pagament u li jfassal id-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni. L-informazzjoni kollha relatata mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan għandha tinħażen f'sistema ta' repożitorju ċentrali li għandha tiġi żviluppata għall-implimentazzjoni tal-RRP. Il-korpi ta' implimentazzjoni għandhom jiġbru u jaħżnu d-data kollha kif imsemmi fl-Artikolu 22(2) punt d) tar-Regolament (UE) 2021/241. L-informazzjoni għandha tinħażen fis-sistemi tal-IT dipartimentali tad-diversi ministeri u tiġi kondiviża mal-korp ta' koordinazzjoni. Is-sistema

tar-repożitorju ċentrali li għandha tiġi żviluppata għandu jkun fiha l-informazzjoni relatata mal-istadji importanti u l-miri u għandha tiġbor, taħżen u tiżgura l-aċċess għad-data f'konformità mal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241.

- F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, malli jitlestew l-istadji importanti u l-miri rilevanti maqbula fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, in-Netherlands għandhom jippreżentaw talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja. In-Netherlands għandhom jiżguraw li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagament skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għal finijiet ta' awditjar u ta' kontroll.